DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-13 ta' Frar 2013

li ttemm il-proċediment anti-dumping fir-rigward tal-importazzjonijiet tal-fosforu abjad, imsejjaħ wkoll fosforu elementali jew fosforu isfar, li joriġina mir-Repubblika tal-Kazakistan

(2013/81/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma soġġetti għal dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea [1] ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu,

Wara li kkonsultat mal-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

A. PROĊEDURA

1. TNEDIJA

(1) Fis-17 ta' Diċembru 2011, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") ħabbret, permezz ta' avviż ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* [2] ("notifika ta' tnedija"), it-tnedija ta' proċediment anti-dumping fir-rigward tal-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' fosforu abjad imsejjaħ ukoll fosforu elementali jew fosforu isfar li joriġina mir-Repubblika tal-Kazakistan ("il-Kazakistan" jew "il-pajjiż ikkonċernat").

(2) Il-proċedura nbdiet b'riżultat ta' lment imressaq fis-7 ta' Novembru 2011 minn Thermphos International BV ("l-ilmentatur"), l-uniku produttur tal-fosforu abjad fl-Unjoni li jirrappreżenta l-produzzjoni totali tal-Unjoni. L-ilment kien fih evidenza *prima facie* ta' dumping tal-prodott imsemmi u ta' dannu materjali li rriżulta minnu, li tqieset biżżejjed biex tiġi ġġustifikata t-tnedija ta' proċediment.

2. IL-PARTIJIET IKKONĊERNATI MILL-PROĊEDIMENT

(3) Il-Kummissjoni avżat uffiċjalment lill-ilmentatur, l-uniku produttur esportatur magħruf fil-pajjiż ikkonċernat, lill-produttur fil-pajjiż analogu, lill-importaturi, lill-kummerċjanti, lill-utenti magħrufa li huma kkonċernati, u lir-rappreżentanti tal-Kazakistan dwar it-tnedija tal-proċediment. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jressqu l-opinjonijiet tagħhom bil-miktub u li jitolbu seduta ta' smigħ fil-limitu taż-żmien stipulat fin-notifika ta' tnedija.

(4) Il-partijiet interessati kollha li talbu dan u li wrew li kien hemm raġunijiet partikolari għalfejn għandhom jinstemgħu, ingħataw seduta ta' smigħ. Fejn kien xieraq ġew ikkunsidrati u meqjusal-kummenti verbali u bil-miktub li ppreżentaw il-partijiet interessati.

(5) Sabiex tippermetti lill-produttur esportatur fil-Kazakistan magħruf li huwa kkonċernat biex jissottometi talba għal trattament ta' ekonomija tas-suq ("TES") jew li jitlob trattament individwali ("TI"), il-Kummissjoni baġħtet formola ta' talba lil dan il-produttur esportatur. Barra minn hekk, il-Kummissjoni baġħtet formola ta' talba lill-awtoritajiet tal-Kazakistan. L-uniku produttur esportatur magħruf fil-Kazakistan identifika ruħu u talab TES.

(6) Il-Kummissjoni baġħtet kwestjonarju lill-produtturi esportaturi magħrufa fil-pajjiż ikkonċernat u l-ilmentatur li pprovda lill-Kummissjoni bi tweġibiet.

(7) Minħabba n-numru apparentement kbir ta' importaturi mhux relatati li kienu potenzjalment ikkonċernati minn din l-investigazzjoni, kien previst teħid ta' kampjuni fin-notifika ta' tnedija skont l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku. Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tiddeċiedi jekk hux se jkun neċessarju t-teħid ta' kampjuni u, jekk iva, tagħżel kampjun, l-importaturi kollha mhux relatati kienu mitluba jidentifikaw ruħhom mal-Kummissjoni u jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-notifika ta' tnedija. Seba' kumpaniji biss pprovdew l-informazzjoni speċifikata fin-notifika ta' tnedija. Huma indikaw li kienu l-importaturi/l-utenti tal-prodott ikkonċernat. Minħabba n-numru baxx ta' importaturi li identifikaw ruħhom, kien ikkunsidrat li t-teħid tal-kampjuni ma kienx se jkun meħtieġ. Sussegwentement, il-Kummissjoni baġħtet lil dawn il-partijiet kemm kwestjonarju għall-importaturi kif ukoll kwestjonarju għall-utenti. Barra minn hekk, aktar minn 30 kumpanija identifikaw irwieħhom bħala l-utenti li lilhom il-Kummissjoni baġħtet kwestjonarju tal-utenti. B'riżultat ta' dan, ħames kumpaniji mlew iż-żewġ kwestjonarji, kumpanija waħda mliet il-kwestjonarju tal-importaturi u seba' kumpaniji mlew il-kwestjonarju tal-utenti. Għandu jiġi nnutat li utent wieħed sussegwentement iddeċieda li jirtira l-kooperazzjoni tiegħu.

(8) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha meqjusa neċessarja għad-determinazzjoni proviżorja tad-dumping, id-dannu li rriżulta u l-interess tal-Unjoni u wettqet verifiki fuq il-post fil-każ tal-kumpaniji li ġejjin:

(a) Il-produttur tal-Unjoni

Thermphos International BV, Vlissingen, il-Pajjiżi l-Baxxi

[1] ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.
[2] ĠU C 369, 17.12.2011, p. 19.

(b) Il-produttur esportatur fil-pajjiż ikkonċernat

Kazhposphate LLC, Almaty, ir-Repubblika tal-Kazakistan

(c) L-importatur

Ciech SA, Varsavja, il-Polonja

(d) L-utent

Zaklady Chemiczne Alwernia SA, Alwernia, il-Polonja

(e) L-importaturi/l-utenti

Fosfa akciová společnost, Břeclav, ir-Repubblika Ċeka

ICL-IP Bitterfeld GmbH, Bitterfeld, il-Ġermanja

Italmatch Chemicals Spa, Ġenova, l-Italja

3. IL-PERJODU TA' INVESTIGAZZJONI

(9) L-investigazzjoni dwar id-dumping u d-dannu kopriet il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2011 sal-31 ta' Diċembru 2011 ("il-perjodu tal-investigazzjoni" jew il-"PI"). L-eżami tat-tendenzi rilevanti għall-valutazzjoni tad-dannu kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2008 sa tmiem il-PI ("il-perjodu meqjus").

4. NUQQAS TA' IMPOŻIZZJONI TA' MIŻURI PROVIŻORJI

(10) Kien ikkunsidrat li l-impożizzjoni ta' miżuri proviżorji ma kinitx tkun xierqa, partikolarment fid-dawl tal-ħtieġa li jkomplu jiġu analizzati ċerti aspetti tal-kawżalità u l-interess tal-Unjoni.

(11) Il-partijiet interessati kollha rċevew dokument informattiv li kellu l-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali, u li abbażi tiegħu ġie deċiż li ma jiġux imposti l-miżuri proviżorji ("dokument informattiv"). Diversi partijiet interessati ppreżentaw sottomissjonijiet bil-miktub fejn żvelaw l-opinjonijiet tagħhom dwar is-sejbiet spjegati fid-dokument informattiv. Il-partijiet li talbu li jinstemgħu, ingħataw din l-opportunità.

5. ID-DRITTIJIET TAL-PARTIJIET U L-KUNFIDENZJALITÀ

(12) Billi l-industrija tal-Unjoni hija magħmula minn produttur wieħed biss, id-dejta sensittiva kellha tiġi indiċjata jew mogħtija f'firxa għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità. Barra minn hekk, u għall-istess raġunijiet, billi hemm biss produttur esportatur wieħed u numru limitat ta' importaturi fis-suq tal-Unjoni, iċ-ċifri kollha relatati mal-konsum, il-volum tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat u pajjiżi oħra kif ukoll il-prezzijiet tal-importazzjoni kellhom jiġu indiċjati. Bl-istess mod, sa fejn huma kkonċernati l-utenti, f'bosta każijiet, id-dejta reali ma setgħetx tiġi pprovduta minħabba l-għadd limitat tagħhom.

B. **IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U L-PRODOTT SIMILI**

1. IL-PRODOTT IKKONĊERNAT

(13) Il-prodott ikkonċernat huwa l-fosforu abjad, imsejjaħ ukoll fosforu elementali jew fosfru isfar, li joriġina mill-Kazakistan, li bħalissa jaqa' taħt il-kodiċi NM ex 2804 70 00 ("il-fosforu abjad" jew "il-prodott ikkonċernat").

(14) Il-fosforu abjad huwa element kimiku dderivat minn blat tal-fosfati u għandu varjetà wiesgħa ta' applikazzjonijiet. Il-fosforu abjad huwa użat bħala prodott ta' bidu għall-applikazzjonijiet mhux aċiduż prinċipalment għall-prodotti farmaċewtiċi u għall-kimiki agrikoli, għall-manifattura tal-aċidu fosforiku u d-derivati tiegħu li jintużaw għall-ikel u deterġenti, u għall-manifattura ta' ligi tal-fosforu li jistgħu jintużaw fil-metallurġija. L-investigazzjoni wriet li hemm biss tip wieħed tal-prodott ikkonċernat.

2. IL-PRODOTT SIMILI

(15) L-investigazzjoni wriet li l-fosforu abjad prodott u mibjugħ fl-Unjoni mill-industrija tal-Unjoni u l-fosforu abjad prodott fil-pajjiż ikkonċernat u esportat lejn l-Unjoni, kellhom l-istess karatteristiċi u użi bażiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi. Għalhekk, dawn il-prodotti huma proviżorjament ikkunsidrati bħala prodotti li huma simili skont it-tifsira tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku. Fid-dawl tad-determinazzjoni fir-rigward tat-trattament tal-ekonomija tas-suq kif deskritt fil-qosor fil-premessi (14) sa (17) u l-fatt li d-dejta tal-produttur tas-suq analogu ma ntużatx, ma saret l-ebda determinazzjoni fir-rigward tal-prodott simili prodott u mibjugħ fis-suq analogu.

C. **ID-DUMPING**

1. IT-TRATTAMENT TA' EKONOMIJA TAS-SUQ (TES)

(16) Skont l-Artikolu 2(7)(b) tar-Regolament bażiku, fl-investigazzjonijiet dwar l-anti-dumping dwar l-importazzjonijiet li joriġinaw mill-Kazakistan, il-valur normali għandu jiġi ddeterminat skont il-paragrafi (1) sa (6) tal-Artikolu msemmi għall-produttur esportatur li nstab li kien konformi mal-kriterji stipulati fl-Artikolu 2(7)(c) tar-Regolament bażiku. Fil-qosor, u biex tkun iffaċilitata r-referenza biss, dawn il-kriterji ġew stabbiliti fil-forma mqassra ta' hawn taħt:

Kriterju 1 - Id-deċiżjonijiet kummerċjali jsiru b'reazzjoni għas-sinjali tas-suq, mingħajr interferenza sinifikanti mill-Istat, u l-kostijiet jirriflettu l-valuri tas-suq;

Kriterju 2 - Id-ditti għandhom sett wieħed ċar ta' rekords tal-kontabilità li jiġu awditjati independentement;

Kriterju 3 - Ma tinġarr l-ebda distorsjoni mis-sistema li mhix ta' ekonomija tas-suq;

Kriterju 4 - Il-liġijiet dwar il-falliment u l-proprjetà jiggarantixxu stabbiltà u ċertezza ġuridika;

Kriterju 5 - Il-konverżjonijiet tar-rati tal-kambju jitwettqu skont ir-rati tas-suq.

(17) L-uniku produttur esportatur magħruf fil-Kazakistan ("il-produttur esportatur") talab TES u ressaq formola ta' talba. L-informazzjoni pprovduta kienet sussegwentement ivverifikata mill-Kummissjoni fil-bini tal-kumpanija inkwistjoni.

(18) Meta tqieset l-evidenza vverifikata, ġie konkluż li l-kumpanija kienet tissodisfa r-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-Artikolu 2(7)(c) tar-Regolament bażiku u setgħet tingħata TES.

(19) Il-Kummissjoni żvelat ir-riżultat tas-sejbiet tat-TES lill-produttur esportatur, l-awtoritajiet tal-Kazakistan u lill-ilmentatur u tathom l-opportunità li jipprovdu l-kummenti.

(20) Il-kwerelant allega li kien hemm rabtiet bejn il-produttur esportatur u l-Istat tal-Kazakistan u li l-kumpanija naqset li tipprovdi evidenza tal-parteċipazzjoni azzjonarja aħħarija tagħha. L-investigazzjoni wriet, madankollu, li l-kumpanija kienet "Shubija b'responsabbiltà limitata" skont il-liġi tal-Kazakistan u li l-azzjonisti diretti tagħha kienu żewġ kumpaniji privati. Ġie vverifikat li l-Istat ma kellux ishma fil-kumpanija, direttament jew indirettament. Għalhekk, l-investigazzjoni kkonfermat li s-sjieda tal-kumpanija kienet kompletament privata. Għaldaqstant l-allegazzjonijiet tal-ilmentatur f'dan ir-rigward ġew irrifjutati.

(21) Kien argumentat ukoll li l-kumpanija kienet impriża konġunta ma' kumpanija tal-Istat jew iffinanzjata mill-Istat u dan seta' jipprovdi aċċess privileġġjat għal finanzjament mill-Istat. Għalkemm l-investigazzjoni kkonfermat l-eżistenza ta' impriża konġunta, hija ma kellha l-ebda attività matul il-PI u kienet tkopri l-aċidu sulfuriku biss, li huwa settur tan-negozju distint minn dak tal-fosforu. Għaldaqstant l-allegazzjonijiet f'dan ir-rigward ġew irrifjutati.

(22) Il-kompożizzjoni u l-funzjonament tal-Bordijiet Eżekuttivi u Superviżorji, li huma l-korpi prinċipali tat-teħid tad-deċiżjonijiet fi ħdan il-kumpanija, ġew eżaminati. Fl-aħħar mill-aħħar, l-investigazzjoni ma żvelat l-ebda interferenza mill-Istat.

(23) Il-kwerelant saħaq ukoll li l-kostijiet tal-produzzjoni tal-kumpanija kienu distorti u ma rriflettewx kundizzjonijiet normali tal-ekonomija tas-suq, speċjalment b'rabta mal-kostijiet tal-minjieri tal-blat tal-fosfati, li huwa materja prima mill-aktar importanti. L-investigazzjoni żvelat li l-kumpanija fittxet il-blat tal-fosfat minn minjieri affiljati fil-Kazakistan, li jibbenefikaw minn drittijiet esklussivi ta' esplojtazzjoni. Dawn id-drittijiet ġew mixtrija, evalwati b'valur ġust u rrapurtati kif xieraq. Barra minn hekk, il-kumpanija ħallset taxxa fuq l-introjtu korporattiva, it-taxxa fuq l-estrazzjoni tal-minerali kif ukoll kostijiet oħra assoċjati fl-istess livell għal kwalunkwe żviluppatur tal-minerali ieħor fil-Kazakistan. L-impenn finanzjarju marbut ma' dawn l-obbligi kien parti mill-kostijiet operazzjonali totali tal-kumpanija. Fuq din il-bażi, ġie konkluż li ma kienx hemm indħil sinifikanti mill-Istat u li l-kostijiet marbuta mal-blat tal-fosfat ma kienux distorti. Għaldaqstant l-allegazzjonijiet li għamel l-ilmentatur f'dan ir-rigward kienu rrifjutati.

(24) L-elettriku, li jirrappreżenta proporzjon sinifikanti tal-kost totali tal-manifattura, huwa pprovdut minn fornituri mhux relatati. L-investigazzjoni wriet li l-prezz medju tal-elettriku kien aktar baxx mill-prezz medju għal utenti industrijali oħra fil-Kazakistan. Madankollu, il-kumpanija hija waħda mill-ikbar konsumaturi tal-enerġija fil-pajjiż u din il-prattika ma nstabitx li kienet kontra l-prinċipji tal-ekonomija tas-suq. L-ilmentatur allega li l-kumpanija bbenefikat minn prezz tat-trasport preferenzjali għall-elettriku meta użat iil-grilja ta' trasport tal-Istat. Din l-allegazzjoni, madankollu. ma ġietx ikkonfermata matul l-investigazzjoni. Għalhekk ġie konkluż li ma kienx hemm indħil sinifikanti mill-Istat fir-rigward tal-kostijiet tal-elettriku u l-allegazzjonijiet li għamel l-ilmentatur f'dan ir-rigward ġew irrifjutati.

(25) Materji primi ewlenin oħra huma l-kokk, il-faħam fin tal-fosfat, il-kwartżit, l-elettrodi, il-cake u s-silikat mhux maħdum, li kienu kollha miksuba mingħand fornituri mhux relatati fis-suq internazzjonali, l-aktar iċ-Ċina u r-Russja, jew inkella lokalment. L-investigazzjoni ma żvelat l-ebda indħil mill-Istat fir-rigward tax-xiri jew tal-ipprezzar ta' dawn il-materji.

(26) L-ilmentatur allega wkoll li għalkemm il-qafas ġuridiku rilevanti kien jeżisti fil-Kazakistan, id-drittijiet soċjali u tax-xogħol għall-impjegati fil-Kazakistan huma fil-prattika mrażżna mill-Istat, li kellu impatt fuq il-pagi u l-kost lavorattiv tal-kumpanija. L-investigazzjoni kienet uriet li l-ħaddiema jitqabbdu jaħdmu u jingħataw is-sensja liberament mill-maniġment tal-kumpanija u huma soġġetti għall-paga minima legali. Instab li l-leġiżlazzjoni rilevanti kollha tal-Kazakistan ġiet rispettata u li l-kumpanija kellha kuntratti tax-xogħol individwali ma' kull wieħed mill-impjegati. L-investigazzjoni għalhekk ma żvelat l-ebda interferenza mill-Istat u l-allegazzjonijiet li għamel l-ilmentatur f'dan ir-rigward ġew irrifjutati.

(27) Finalment, l-ilmentatur argumenta li, minħabba li ma kienx hemm bejgħ domestiku ta' fosforu abjad fil-Kazakistan, kien probabbli ħafna li jkun hemm restrizzjonijiet fuq il-bejgħ fis-suq domestiku. Madankollu, il-liċenzja kummerċjali tal-kumpanija ma wriet l-ebda restrizzjoni tal-bejgħ domestiku, la fis-suq domestiku u lanqas fis-suq tal-esportazzjoni. In-nuqqas ta' bejgħ domestiku kien dovut għall-fatt li la kien hemm domanda u lanqas kapaċità ta' proċessar fil-Kazakistan għall-fosforu abjad. Għaldaqstant l-allegazzjonijiet tal-ilmentatur f'dan ir-rigward ġew irrifjutati.

(28) Il-kumpanija kellha sett wieħed ta' rekords bażiċi tal-kontabilità awditjati annwalment minn ditti tal-awditjar indipendenti skont l-IFRS (L-Istandards ta' Rappurtar Finanzjarju Internazzjonali) u applikati għall-għanijiet kollha.

(29) Il-kontijiet finanzjarji tal-kumpanija żvelaw li tat self b'xejn, li madankollu tħallas lura bis-sħiħ matul il-PI. Self ħieles mill-interessi bejn kumpaniji relatati jew anki mhux relatati per se ma jmurx kontra l-istandards internazzjonali tal-kontabilità, iżda huwa permess taħt ċerti kundizzjonijiet bħar-rispett għar-rekwiżiti tar-rappurtar u l-iżvelar tiegħu fil-kontijiet finanzjarji. L-investigazzjoni ma żvelat l-ebda irregolaritajiet f'dan ir-rigward u r-rekwiżiti kollha tal-kontabbiltà ġew issodisfati.

(30) Instab li l-kumpanija kienet suġġetta għal-liġijiet rilevanti tal-falliment u tal-proprjetà, li l-applikazzjoni tagħhom hija mfassla biex jiggarantixxu ċ-ċertezza u l-istabbiltà legali għall-operazzjoni tad-ditti. Ma kienx hemm indikazzjonijiet li dawn il-liġijiet ma jkunux applikabbli u implimentati għall-kumpanija.

(31) L-investigazzjoni ma żvelat l-ebda restrizzjoni fuq l-użu u l-konverżjoni ta' munita barranija. It-tranżazzjonijiet tal-kambju tal-kumpanija twettqu skont ir-rati tas-suq u setgħet tiddisponi liberament mill-użu tal-fondi proprji tagħha.

2. IL-VALUR NORMALI

(32) Bħala riżultat tas-sejbiet stipulati hawn fuq fil-premessa (14) rigward it-talba tal-kumpanija għal TES, il-valur normali ġie stabbilit fuq il-bażi tal-Artikolu 2(1) sa (6) tar-Regolament bażiku.

(33) Il-kumpanija ma biegħetx fosforu abjad fis-suq domestiku matul il-PI, u lanqas ma kien hemm bejjiegħa jew produtturi oħra tal-fosforu abjad fil-Kazakistan. Il-valur normali għalhekk ma setax jiġi stabbilit fuq il-bażi tal-prezzijiet tal-bejgħ domestiku skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament bażiku. Konsegwentement, il-valur normali ġie kkalkolat skont l-Artikolu 2(3) tar-Regolament bażiku, abbażi tal-kostijiet tal-manifattura tal-prodott kkonċernat billi kien miżjud ammont raġonevoli għall-kostijet tal-bejgħ, dawk ġenerali u amministrattivi ("SG&A") u għall-profitt.

(34) L-investigazzjoni żvelat li l-kost irrappurtata tal-manifattura ma kienx fih il-kostijiet ta' deprezzament tad-drittijiet tat-tħaffir, li għalhekk kellhom jiġu miżjuda. F'dan ir-rigward l-ammont ta' deprezzament annwali tad-drittijiet tat-tħaffir relatati mal-prodott ikkonċernat, evalwat abbażi ta' "valur ġust" kien ikkunsidrat bħala xieraq.

(35) Wara l-iżvelar tad-dokument informattiv, il-produttur esportatur iddikjara li, skont l-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku, il-kostijiet kellhom jiġu stabbiliti abbażi tar-rekords miżmumin mill-parti li qed tiġi investigata. Billi l-kostijiet ta' deprezzament tad-drittijiet tat-tħaffir kienu riflessi biss fil-kontijiet tal-kumpanija prinċipali tal-produttur esportatur, li ma tinsabx fil-Kazakistan, u billi din il-kumpanija tal-aħħar mhix koperta mill-investigazzjoni, id-determinazzjoni tal-kostijeit tal-produttur esportatur kellha tiġi bbażata fuq l-informazzjoni rreġistrata fil-kontijiet ta' din il-kumpanija.

(36) Huwa mfakkar li billi l-minjiera tal-blat tal-fosfat tinsab fil-Kazakistan u li l-produttur esportatur kien qed iħaffer il-blat tal-fosfat biex jipproduċi l-fosforu abjad, il-kostijiet irreġistrati fil-kontijiet tal-produttur esportatur kellhom tassew jinkludu l-kostijiet ta' deprezzament tad-drittijiet tat-tħaffir. Għaldaqstant, skont l-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku, ir-rekords tal-produttur esportatur ma kinux jirriflettu b'mod raġonevoli l-kostijiet assoċjati mal-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodott li qed jiġi investigat. Għalhekk, ingħata permess li l-kostijiet irrappurtati jiġu kkoreġuti kif xieraq.

(37) Il-kontijiet tal-kumpanija prinċipali kienu kontijiet ikkonsolidati għall-grupp kollu, jiġifieri kienu jinkludu wkoll dejta dwar l-attivitajiet tal-produttur esportatur fil-Kazakistan. Id-drittijiet tat-tħaffir irreġistrati kienu marbutin mal-attivitajiet tat-tħaffir ġenerali, inkluża dik tal-produttur esportatur fir-rigward tal-produzzjoni tal-fosforu abjad. Abbażi ta' dan kien meqjus iġġustifikat li l-kost irrappurtat tal-manifattur jiġi kkoreġut.

(38) Il-produttur esportatur argumenta wkoll li l-kost ta' deprezzament irreġistrat, kien jirrappreżenta l-kost totali ta' deprezzement tad-drittijiet tat-tħaffir kollha tal-grupp tal-kumpanija b'rabta mal-produzzjoni ta' diversi prodotti inkluż il-fosforu abjad. L-ammont tal-kostijiet ta' deprezzament miżjudin mal-kostijeit tal-manifattura tal-fosforu abjad għandhom, madankollu, ikunu marbutin biss mal-kost ta' deprezzament marbuta direttament mal-produzzjoni tal-fosforu abjad. Din it-talba ġiet aċċettata u l-kost tal-manifattura kienet ikkoreġut skont dan, bl-allokazzjoni tal-kostijiet totali ta' deprezzament għall-attività relatata biss mal-produzzjoni tal-fosforu abjad.

(39) Id-determinazzjoni tal-SG&A u l-profitt kienet ibbażata fuq l-ammonti reali mġarrba għall-produzzjoni u l-bejgħ fis-suq domestiku tal-istess kategorija ġenerali ta' prodotti, skont l-Artikolu 2(6)(b) tar-Regolament bażiku billi l-ebda produttur ieħor tal-fosforu abjad ma kien preżenti fis-suq domestiku tal-Kazakistan. F'dan ir-rigward, fil-parti l-kbira tqiesu prodotti kimiċi bħall-fertilizzanti u derivati oħra mill-fosforu abjad.

(40) Wara l-iżvelar tad-dokument informattiv, il-produttur esportatur iddikjara li l-ammonti meqjusin għad-determinazzjoni ta' profitti relatati ma' "prodotti oħra" ma kinux xierqa. B'mod partikolari, intqal li l-proċess tal-produzzjoni ta' whud minn dawn il-prodotti u l-kundizzjonijiet kummerċjali waqt il-bejgħ tagħhom kienu sinifikattivament differenti minn dawk għall-fosforu abjad u għalhekk fil-bejgħ ta' dawn il-prodotti ġew iġġenerati marġini ta' profitt akbar. Ġie ddikjarat li fir-rigward tad-determinazzjoni tal-marġini ta' profitt biex jiġi kkalkolat il-valur normali, l-ammonti għall-profitti għandhom jiġu ddeterminati abbażi tal-Artikolu 2(6)(c) tar-Regolament bażiku, jiġifieri permezz ta' xi metodu raġonevoli ieħor. F'dan ir-rigward, kien argumentat li l-profitt tal-fosforu abjad irrealizzat fuq il-bejgħ tal-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni jew lejn pajjiżi terzi oħrajn, għandu jitqies jew, alternattivament titqies medja ta' dawn il-marġini ta' profitt. Fl-aħħar nett, kien argumentat li jekk l-ebda waħda mill-proposti ta' hawn fuq ma tkun aċċettabbli, jitqies il-marġini ta' profitt medju tal-kumpanija prinċipali b'rabta mal-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodotti kollha tul il-PI.

(41) L-informazzjoni dwar il-proċessi ta' produzzjoni differenti għall-produzzjoni ta' "prodotti oħra", kif ukoll il-kundizzjonijiet kummerċjali differenti waqt il-bejgħ tagħhom, inġħatat fi stadju tard ħafna tal-investigazzjoni u ma kinitx akkumpanjata minn evidenza ta' sostenn. Barra minn hekk, lanqas intwera jekk, u sa fejn, dawn l-allegati differenzi kellhomx impatt fuq il-prezzijiet tal-bejgħ u konsegwentement fuq il-marġini tal-profitt. Fl-aħħar nett, il-produttur esportatur ma weriex li xi waħda mill-metodoloġiji ssuġġeriti hawn fuq, skont l-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6)(c) tar-Regolament bażiku, twassal tassew għal riżultati aktar preċiżi mill-metodoloġija bbażata fuq l-Artikolu 2(6)(b) tar-Regolament bażiku. B'mod partikolari, ma ġiex spjegat kemm il-bejgħ tal-esportazzjoni jkollu kundizzjonijiet ta' bejgħ kumparabbli mal-bejgħ fis-suq domestiku u għalhekk jikkostitwixxi prokura għall-bejgħ fis-suq domestiku. Għaldaqstant dawn it-talbiet kellhom jiġu rrifjutati.

3. IL-PREZZ TAL-ESPORTAZZJONI

(42) Il-bejgħ kollu tal-esportazzjoni lejn l-Unjoni sar direttament lil konsumaturi indipendenti fl-Unjoni, u għalhekk il-prezz tal-esportazzjoni kien ibbażat fuq il-prezzijiet li tħallsu jew li huma pagabbli verament għall-prodott ikkonċernat fil-PI, skont l-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku.

(43) Wara l-iżvelar tad-dokument informattiv, il-produttur esportatur argumenta li l-prezz tal-esportazzjoni li ntuża ma kienx korrett. Huwa nnutat li d-determinazzjoni tal-prezz tal-esportazzjoni kienet ibbażata fuq l-informazzjoni vverifikata ppreżentata mill-produttur esportatur waqt l-investigazzjoni u li għalhekk ma kienx hemm bażi biex dawn iċ-ċifri jiġu kkoreġuti. Għaldaqstant din it-talba kellha tiġi rrifjutata.

4. IL-PARAGUN

(44) Il-valur normali kkalkolat u l-prezz tal-esportazzjoni tqabblu fuq bażi ex-works.

(45) Bl-għan li jiġi żgurat paragun ġust bejn il-valur normali ex-works u l-prezz tal-esportazzjoni, inġħatat kunsiderazzjoni xierqa fil-forma ta' aġġustament għad-differenzi li jaffettwaw il-prezzijiet u l-paragunabbiltà tal-prezzijiet skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Saru aġġustamenti fir-rigward tal-merkanzija fil-pajjiż ikkonċernat u fl-Unjoni, kostijiet ta' ġarr u oħrajn anċillari, u għal kostijiet tal-kreditu fil-każijiet kollha fejn instab li kienu raġonevoli, preċiżi u sostnuti b'evidenza vverifikata.

5. IL-MARĠINI TAD-DUMPING

(46) Skont l-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku, il-marġini tad-dumping għall-produttur esportatur fil-Kazakistan ġie stabbilit abbażi ta' paragun tal-valur normali medju peżat mal-prezz tal-esportazzjoni medju peżat.

(47) Meta jitqies li l-livell ta' kooperazzjoni kien massimu minħabba li l-uniku produttur esportatur li kkoopera kien jirrappreżenta 100 % tal-bejgħ tal-esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat, id-dazju għall-pajjiż kollu kien stabbilit fl-istess livell bħal dak stabbilit għall-produttur esportatur li kkoopera.

(48) Abbażi tal-metodoloġija li ssemmiet hawn fuq, il-marġini tad-dumping, espress bħala persentaġġ tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

Kumpanija	Il-marġini tad-dumping
Kazphosphate LLC	10,5 %
Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	10,5 %

D. **ID-DANNU**

1. IL-PRODUZZJONI TAL-UNJONI U L-INDUSTRIJA TAL-UNJONI

(49) L-ilment ġie ppreżentat minn Thermphos International B.V. ("l-ilmentatur"), l-uniku produttur tal-fosforu abjad fl-Unjoni, li jirrappreżenta l-produzzjoni totali tal-Unjoni.

(50) Għaldaqstant, l-ilmentatur jikkostitwixxi l-industrija tal-Unjoni skont it-tifsira tal-Artikoli 4(1) u 5(4) tar-Regolament bażiku u minn hawn 'il quddiem se ssir referenza għalih bħala l-"industrija tal-Unjoni".

(51) Wara l-iżvelar tad-dokument informattiv, Thermphos International B.V kellha tiddikjara ruħha falluta u aktar tard il-Qorti tad-Distrett ta' Breda ordnat il-likwidazzjoni tal-kumpanija fil-21 ta' Novembru 2012. Konsegwentement, l-industrija tal-Unjoni waqqfet il-produzzjoni tagħha tal-fosforu abjad. F'dikjarazzjoni għall-istampa mogħtija mill-industrija tal-Unjoni, din tal-aħħar madankollu indikat li l-ħażniet li kien fadal ta' fosforu abjad kienu biżżejjed biex is-sussidjarji tagħha, li jimmanifatturaw prodotti downstream, ikollhom provvista għal xi xhur. Sadanittant, l-industrija tal-Unjoni qed timplimenta deattivazzjoni b'superviżjoni tal-impjanti tal-produzzjoni tagħha tal-fosforu abjad. Fl-istess ħin qed isiru negozjati għal akkwiżizzjoni potenzjali, bl-għan li possibbilment terġa' tinbeda l-produzzjoni tal-fosforu abjad f'qasir żmien.

(52) Diversi partijiet interessati qalu li fid-dawl tal-iżvilupp ta' hawn fuq, l-investigazzjoni għandha tintemm minnufih minħabba li l-industrija tal-Unjoni ma għadhiex teżisti. Bħala tweġiba għal dawn id-dikjarazzjonijiet, huwa nnutat li l-industrija tal-Unjoni kienet qed tipproduċi l-fosforu abjad tul il-PI kollu u li, sakemm kienu għaddejjin l-proċeduri ta' falliment u n-negozjati għal akkwiżizzjoni possibbli, ma kienx ċar jekk il-produzzjoni tal-fosforu abjad kinitx tabilħaqq se tieqaf fuq bażi permanenti jew jekk il-waqfien fil-produzzjoni kienx biss wieħed temporanju. Għaldaqstant, għadu kmieni wisq biex wieħed jikkonkludi li l-industrija tal-Unjoni ma għadhiex teżisti. Konsegwentement, it-talbiet biex jintemm il-proċediment għal dawk ir-raġunijiet kienu irrifjutati.

2. ID-DETERMINAZZJONI TAS-SUQ RILEVANTI TAL-UNJONI

(53) L-industrija tal-Unjoni hija integrata vertikalment u parti sostanzjali mill-produzzjoni tagħha stess intużat b'mod ristrett. Tabilħaqq, instab li l-uniku produttur tal-Unjoni uża parti konsiderevoli tal-produzzjoni tal-fosforu abjad bħala materja prima għall-manifattura ta' diversi prodotti downstream, użati prinċipalment f'setturi farmaċewtiċi, agrikoli, alimentari u kimiċi. Dan l-użu ristrett ta' fosforu abjad ma daħalx fis-suq ħieles u ma daħalx f'kompetizzjoni diretta mal-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat. B'kuntrast ma' dan, instab li l-produzzjoni maħsuba għall-bejgħ fis-suq ħieles kienet f'kompetizzjoni diretta mal-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat.

(54) Għalhekk, biex jiġi stabbilit jekk l-industrija tal-Unjoni sofrietx dannu materjali, ġie meqjus xieraq li, fejn ikun possibbli, issir distinzjoni bejn il-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni lis-suq ħieles u dak għas-suq ristrett għall-analiżi ta' ċerti indikaturi tad-dannu.

(55) Fir-rigward tal-profittabbiltà u l-fluss ta' flus l-analiżi ffukat fuq il-livell tas-suq ħieles billi l-prezzijiet fis-suq ristrett ma kinux jirriflettu l-prezzijiet tas-suq, li kellu impatt fuq dawk l-indikaturi. Fir-rigward tar-redditu fuq l-investiment, billi ma kienx possibbli li ssir distinzjoni bejn l-investimenti li saru fir-rigward tal-prodott mibjugħ fis-suq ħieles u dak mibjugħ fis-suq ristrett, ir-redditu fuq l-investiment kien evalwat fil-livell tas-suq kollu. Il-konsum, il-volum tal-bejgħ, il-prezzijiet tal-bejgħ u s-sehem mis-suq fis-suq tal-Unjoni kienu analizzati u evalwati wkoll b'rabta mas-sitwazzjoni prevalenti fis-suq ħieles fejn saru tranżazzjonijiet b'kundizzjonijiet normali tas-suq, li jimplikaw għażla ħielsa tal-fornitur. L-evoluzzjoni ta' dawn l-indikaturi fis-suq ristrett, madankollu, kienet ġiet ikkunsidrata wkoll u tqabblet mad-dejta għas-suq ħieles sabiex ikun stabbilit jekk kienx probabbli li s-sitwazzjoni tas-suq ristrett kinitx se ġġib bidla f'dak li nstab abbażi tal-analiżi tas-suq ħieles waħdu.

(56) Madankollu, instab li dawn l-indikaturi ekonomiċi relatati mal-industrija tal-Unjoni għandhom jiġu eżaminati billi ssir referenza għall-attività totali (inkluż l-użu ristrett tal-industrija tal-Unjoni): il-produzzjoni, il-kapaċità ta' produzzjoni, l-utilizzazzjoni tal-kapaċità, it-tkabbir, l-investimenti, l-ħażniet, l-impjieg, il-produttività, il-pagi, il-fakultà li jiżdied il-kapital u l-kobor tal-marġini tad-dumping. Dan minħabba li dawk l-indikaturi jistgħu jiġu affettwati mill-importazzjonijiet li jkunu oġġett ta' dumping, irrispettivament minn jekk il-prodott ikunx trasferit dowstream fi ħdan il-kumpanija jew il-grupp tal-kumpaniji għal aktar ipproċessar jew jekk dan jinbiegħx fis-suq ħieles. Minn issa 'l quddiem is-suq ristrett u s-suq ħieles flimkien se jissejħu "is-suq totali".

(57) Parti interessata ddikjarat li l-analiżi tal-indikaturi tad-dannu għandha tkun ibbażata fuq is-suq totali, billi analiżi bbażata biss fuq is-suq ħieles ma tippermettix li ssir valutazzjoni affidabbli tas-sitwazzjoni, fid-dawl tal-istatus partikolari tal-industrija tal-Unjoni, li prinċipalment qalbet għal użu ristrett u li għalhekk, allegatement, mhix titqies bħala fornitur ġenwin tal-fosforu abjad fis-suq ħieles.

(58) Kif intqal hawn fuq fil-premessa (55), l-analiżi ffukat fuq is-suq ħieles biss għall-profittabbiltà u l-fluss tal-flus. Dan kien minħabba li l-prezzijiet fis-suq ristrett ma kinux jirriflettu l-prezzijiet tas-suq li kellhom impatt fuq dawk l-indikaturi. Barra minn hekk, l-investigazzjoni primarjament iffukat fuq is-suq ħieles minħabba li l-bejgħ fis-suq ristrett ma kienx f'kompetizzjoni mal-prodotti mibjugħin fis-suq ħieles, inklużi l-importazzjonijiet li kienu soġġetti għal dumping. Il-parti interessata ma spjegatx għaliex analiżi li tinkludi s-suq ristrett, minkejja kollox, tagħmel aktar sens. Għall-indikaturi l-oħra kollha, fejn hu xieraq, l-analiżi ffukat fuq l-attivitajiet fis-suq totali, minn naħa waħda, u b'mod separat fuq is-suq ħieles u risrett, min-naħa l-oħra. Għaldaqstant, l-attivitajiet tal-industrija tal-Unjoni fis-swieq kollha kienu meqjusa kif xieraq, fejn kien adattat, u din it-talba ġiet irrifjutata.

(59) Barra minn hekk, l-istess parti interessata ddikjarat li waqt l-eżami tagħha tal-evoluzzjoni tal-indikaturi tad-dannu, il-Kummissjoni qabblet is-sitwazzjoni fil-punti finali tal-perjodu meqjus minflok ikkunsidrat it-tendenzi eżatti tul il-perjodu kollu kkunsidrat. Hija tabilħaqq il-prattika tal-Kummissjoni li tivvaluta l-indikaturi tad-dannu tul il-perjodu kkunsidrat u li tiddeskrivi, fejn ikun xieraq, iċ-ċaqliq possibbli fl-iżviluppi tal-indikaturi tad-dannu, jekk dan ikun applikabbli. Dan għandu jsir ukoll f'din l-investigazzjoni. Għaldaqstant, din it-talba ġiet irrifjutata.

3. IL-KONSUM TAL-UNJONI

(60) Il-konsum tal-Unjoni fis-suq totali ġie stabbilit biż-żieda tal-volum tal-importazzjonijiet totali tal-fosforu abjad mis-sorsi kollha bbażati fuq il-Eurostat u d-dejta vverifikata pprovduta mill-produttur esportatur, kif ukoll l-importaturi/l-utenti li kkooperaw mal-volum totali tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni, kif ukoll il-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni maħsuba għal użu ristrett. Il-konsum fis-suq ħieles ġie stabbilit billi tnaqqset il-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni li kienet maħsuba għal użu ristrett.

(61) Xi partijiet interessati ddikjaraw li l-kodiċi tan-NM kopra wkoll l-importazzjonijiet tal-fosforu aħmar. L-investigazzjoni wriet, madankollu, li l-ebda importazzjoni ta' fosforu aħmar ma saret mill-pajjiż ikkonċernat matul il-perjodu meqjus. Barra minn hekk, kien hemm evidenza limitata disponibbli fir-rigward tal-importazzjonijiet tal-fosforu aħmar minn pajjiżi terzi oħra. Din l-evidenza limitata, issuġġeriet li l-importazzjonijiet tal-fosforu aħmar, jekk tabilħaqq kien hemm, kienu minimi.

(62) Id-dokument informattiv li ġie żvelat lill-partijiet interessati kien jinkludi, bi żball, l-importazzjonijiet tal-industrija tal-Unjoni mill-Kazakistan fl-użu ristrett li ġie mnaqqas kif xieraq fit-tabella 1 ta' hawn taħt. Dan ma affettwax it-tendenzi fil-konsum tal-Unjoni fis-suq ħieles.

(63) Abbażi ta' dan, instab li l-konsum tal-Unjoni żviluppa kif ġej:

Tabella 1

Il-konsum tal-Unjoni

Indiċi 2008 = 100	2008	2009	2010	PI
Is-suq totali	100	74	96	103
Is-suq ristrett	100	119	109	117
Is-suq ħieles	100	54	91	98

Sors: Il-Eurostat u informazzjoni miksuba minn partijiet interessati permezz ta' tweġibiet għall-kwestjonarji.

(64) (64) Tul il-perjodu kkunsidrat il-konsum fis-suq totali tal-Unjoni żdied bi 3 %, filwaqt li fis-suq ristrett żdied bi 17 % b'xi ċaqliq tul il-perjodu kkunsidrat, filwaqt li l-konsum fis-suq ħieles naqas bi 2 % bejn l-2008 u l-PI.

4. L-IMPORTAZZJONIJIET MILL-PAJJIŻ IKKONĊERNAT

4.1. **Il-volum u s-sehem mis-suq**

(65) L-evoluzzjoni tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat, fil-volum u s-sehem tas-suq, kienet kif ġej:

Tabella 2

L-importazzjonijiet mill-Kazakistan

(Indiċi 2008 = 100)	2008	2009	2010	PI
Il-volumi tal-importazzjoni mill-Kazakistan	100	57	108	132
Is-sehem tas-suq fis-suq *ħieles*	100	107	120	136

Sors: Il-Eurostat u informazzjoni miksuba minn partijiet interessati permezz ta' tweġibiet għall-kwestjonarji.

(66) Matul il-perjodu meqjus, l-importazzjonijiet fl-Unjoni mill-pajjiż ikkonċernat żdiedu bi 32 %. Dan wassal għal żieda fis-sehem tas-suq fis-suq ħieles ta' 36 % matul l-istess perjodu. Is-sehem tas-suq tal-produttur esportatur li kkoopera fis-suq ħieles kien sinifikanti ħafna matul il-PI.

(67) Diversi partijiet interessati ddikjaraw li l-volumi tal-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat naqsu b'mod kunsiderevoli wara l-PI u li dan l-iżvilupp għandu jitqies fl-analiżi tad-dannu. Din l-allegazzjoni kienet bla bażi, billi l-informazzjoni disponibbli wriet li l-importazzjonijiet wara l-PI baqgħu fl-istess medda bħalma kienu tul il-PI. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament bażiku, l-informazzjoni relatata ma' perjodu sussegwenti għall-perjodu tal-investigazzjoni normalment ma titqiesx fis-sejbiet. Għaldaqstant, din l-allegazzjoni ġiet irrifjutata.

4.2. **Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet u t-twaqqigħ tal-prezz**

(68) Il-prezzijiet medji tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat fis-suq ħieles żviluppaw kif ġej:

Tabella 3

Il-prezz tal-importazzjonijiet mill-Kazakistan

(Indiċi 2008 = 100)	2008	2009	2010	PI
Il-prezzijiet tal-importazzjoni	100	84	75	81

Sors: Il-Eurostat u informazzjoni miksuba minn produttur esportatur permezz ta' tweġibiet għall-kwestjonarji.

(69) Filwaqt li kien hemm żieda fil-prezz fil-PI meta mqabbel mal-2010, il-prezz totali medju tal-importazzjoni mill-pajjiż ikkonċernat naqas b'19 % bejn l-2008 u l-PI.

(70) Biex issir analiżi tat-twaqqigħ tal-prezz, sar paragun tal-prezzijiet medji tal-industrija tal-Unjoni fis-suq ħieles u l-prezzijiet medji tal-importazzjoni mill-pajjiż ikkonċernat. Il-prezzijiet tal-bejgħ rilevanti tal-industrija tal-Unjoni ġew aġġustati fejn kien neċessarju għal livell ex works, jiġifieri minbarra l-kost tal-merkanzija fl-Unjoni u wara t-tnaqqis tal-iskontijiet u r-ribassi. Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet tal-produttur esportatur li kkoopera, nett mill-iskontijiet, kienu aġġustati fejn meħtieġ għall-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni debitament aġġustat għall-kostijiet tal-approvazzjoni doganali u l-kostijiet ta' wara l-importazzjoni.

(71) Il-paragun wera li tul il-PI, l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mill-produttur esportatur kienu nbiegħu fl-Unjoni bi prezzijiet li waqqgħu dawk tal-industrija tal-Unjoni. Il-livell medju tat-twaqqigħ, meta espress bħala persentaġġ tal-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni, kien bejn it-30 % u l-40 %, abbażi tad-dejta vverifikata mressqa mill-produtturi esportaturi li kkooperaw. Dan il-livell ta' twaqqigħ kien ikkombinat ma' żvilupp negattiv fil-prezzijiet u depressjoni sostanzjali fil-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni.

5. IL-QAGĦDA EKONOMIKA TAL-INDUSTRIJA TAL-UNJONI

5.1. Ġenerali

(72) Skont l-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku, l-eżami tal-impatt tal-importazzjonijiet li kienu soġġetti għal dumping fl-industrija tal-Unjoni inkluda evalwazzjoni tal-fatturi kollha ekonomiċi u l-indiċijiet relatati mal-qagħda tal-industrija tal-Unjoni mill-2008 sa tmiem il-PI.

(73) Bosta partijiet interessati ddikjaraw li s-sena 2008 ma kinitx xierqa bħala punt ta' referenza, minħabba li kienet sena eċċezzjonalment tajba għall-industrija tal-Unjoni. Wara d-dokument informattiv, uħud mill-partijiet interessati qalu li l-2007 messha ntużat bħala l-punt tat-tluq tal-eżami tat-tendenzi tad-danni rilevanti għall-valutazzjoni tad-dannu. Ta' min jinnota li l-2008 kienet sena bi profitt għas-settur kollu tal-fosfat u mhux biss għall-industrija tal-Unjoni. Barra minn hekk, is-sena 2009 kienet ukoll eċċezzjonali minħabba l-kriżi ekonomika u fl-2007 il-produttur esportatur fil-Kazakistan u l-industrija tal-Unjoni kienu relatati, jiġifieri dawn is-snin ma kinux neċessarjament aktar xierqa bħala punt ta' tluq għall-analiżi tad-danni. Fi kwalunkwe każ, iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali tul il-perjodu kkunsidrat jitqiesu fil-partijiet rilevanti tal-analiżi tal-kawżalità, jekk dan ikun xieraq. Għalhekk dawn id-dikjarazzjonijiet ġew irrifjutati.

5.1.1. *Il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-utilizzazzjoni tal-kapaċità*

(74) It-tabella ta' hawn taħt turi l-evoluzzjoni tal-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-utilizzazzjoni tal-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni fis-suq totali:

Tabella 4

Il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-utilizzazzjoni tal-kapaċità

(Indiċi 2008 = 100)	2008	2009	2010	PI
Il-produzzjoni	100	55	68	75
Il-kapaċità ta' produzzjoni	100	100	100	100
L-użu tal-kapaċità	100	55	68	75

Sors: tweġibiet ivverifikati tal-kwestjonarju.

(75) Kif muri fit-tabella hawn fuq, matul il-perjodu kkunsidrat, il-produzzjoni tal-Unjoni naqset b'25 %. Filwaqt li bejn l-2008 u l-2009 il-produzzjoni naqset b'45 %, is-sitwazzjoni tjiebet wara l-2009 sal-PI; madankollu, tul il-PI il-produzzjoni ma laħqitx il-livelli tal-2008. Minħabba li l-kapaċità tal-produzzjoni baqgħet stabbli, it-tnaqqis fil-produzzjoni wassal għal tnaqqis sinifikanti ta' 25 % fl-użu tal-kapaċità bejn l-2008 u l-PI.

5.1.2. *Il-volumi tal-bejgħ u s-sehem tas-suq*

(76) Iċ-ċifri ta' hawn taħt jippreżentaw il-volum tal-bejgħ u s-sehem tas-suq tal-industrija tal-Unjoni maqsumin bejn is-suq totali, dak ristrett u dak ħieles.

Tabella 5

Il-volumi tal-bejgħ u s-sehem tas-suq

(Indiċi 2008 = 100)	2008	2009	2010	PI
Il-volum tal-bejgħ tas-suq totali	100	84	83	83
Is-sehem tas-suq tas-suq totali tal-industrija tal-Unjoni (%)	100	114	86	80
Il-volum tal-bejgħ fis-suq ristrett	100	119	109	117
Is-sehem tas-suq tas-suq ristrett tal-industrija tal-Unjoni (%)	100	100	100	100

(Indiċi 2008 = 100)	2008	2009	2010	PI
Il-volum tal-bejgħ tas-suq ħieles	100	37	47	36
Is-sehem tas-suq tas-suq ħieles tal-industrija tal-Unjoni (%)	100	69	52	37

Sors: tweġibiet ivverifikati tal-kwestjonarji.

(77) Il-bejgħ tas-suq totali naqas bi 17 % matul il-perjodu kkunsidrat. Dan it-tnaqqis kien aktar pronunzjat fis-suq ħieles, fejn kien hemm tnaqqis ta' 64 % bejn l-2008 u l-PI. Is-suq ristrett kellu tendenza opposta u l-volum tal-bejgħ naqas bi 17 % fl-istess perjodu. It-tnaqqis fil-volum tal-bejgħ ġie rifless fis-sehem tas-suq li kellu tnaqqis ta' 20 % fis-suq totali u tnaqqis ta' 63 % fis-suq ħieles, bejn l-2008 u l-PI. Billi s-suq ristrett jinkludi l-fosforu abjad mill-unika produttur tal-Unjoni, is-sehem tas-suq baqa' l-istess u f'dawn iċ-ċirkostanzi mhuwiex indikatur relevanti.

5.1.3. *It-tkabbir*

(78) Matul il-perjodu kkunsidrat irriżulta li l-konsum tal-Unjoni naqas bi ftit biss fis-suq ħieles bi 2 %, filwaqt li l-bejgħ u s-sehem tas-suq tal-industrija tal-Unjoni naqsu b'mod sinifikanti tul l-istess perjodu, b'64 % u 63 % rispettivament. Is-suq ristrett esperjenza tendenza opposta u l-volum tal-bejgħ żdied bi 17 % fl-istess perjodu. Fl-istess ħin, l-importazzjonijiet mir-Repubblika tal-Kazakistan żdiedu bi 32 % matul il-perjodu kkunsidrat. Konsegwentement, is-sehem tas-suq tal-industrija tal-Unjoni naqas b'mod sinifikanti matul l-istess perjodu.

5.1.4. *L-impjiegi, il-produttività u s-salarji*

(79) It-tabella ta' hawn taħt turi l-evoluzzjoni tal-impjiegi, il-produttività u l-pagi tal-industrija tal-Unjoni fis-suq totali:

Tabella 6

L-impjiegi, il-produttività u l-pagi

(Indiċi 2008 = 100)	2008	2009	2010	PI
In-numru ta' impjegati	100	101	98	93
Il-produttività Totali (MT/impjegat)	100	55	69	81
Il-pagi annwali	100	95	103	106

Sors: tweġibiet ivverifikati tal-kwestjonarji.

(80) L-impjieg naqas bi ftit bejn l-2008 u l-PI, filwaqt li l-pagi żdiedu bi ftit. Matul il-perjodu kkunsidrat l-produttività totali għal kull impjegat naqset b'19 %. Dan segwa t-tnaqqis fil-produzzjoni, kif spjegat fil-premessi (74) u (75) hawn fuq.

5.1.5. *Id-daqs tal-marġini reali tad-dumping*

(81) Il-marġini tad-dumping kif speċifikat hawn fuq fil-premessa (48) kienu ogħla mil-livell *de minimis*. Barra minn hekk, minħabba l-volumi u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet li kienu soġġetti għal dumping, l-impatt tal-marġini reali tad-dumping ma jistgħux jitqiesu bħala negliġibbli.

5.1.6. *Il-ħażniet*

(82) Iċ-ċifri ta' hawn isfel jirrappreżentaw l-evoluzzjoni tal-ħażniet tal-industrija tal-Unjoni fis-suq totali tul il-perjodu meqjus:

Tabella 7

Il-ħażniet

(Indiċi 2008 = 100)	2008	2009	2010	PI
Il-ħażniet	100	26	17	48

Sors: tweġibiet ivverifikati tal-kwestjonarji.

(83) Il-ħażniet irrappreżentaw madwar 12 % tal-volum tal-produzzjoni fil-PI. Il-ħażniet naqsu bi 52 % tul il-perjodu meqjus. Madankollu, dan l-indikatur ma għandux jitqies bħala rilevanti f'dan is-settur, minħabba li huwa bbażat prinċipalment fuq l-ordnijiet u, skont dawn, il-produtturi normalment iżommu ħażniet limitati. It-tnaqqis fil-ħażniet fil-PI għandu jitqies fid-dawl tal-livell aktar baxx ta' attività wara t-tnaqqis tal-industrija tal-Unjoni.

5.1.7. *Il-prezzijiet tal-bejgħ*

(84) It-tabella ta' hawn taħt tirrappreżenta l-evoluzzjoni tal-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni maqsuma bejn is-suq ristrett u dak ħieles.

Tabella 8

Il-prezzijiet tal-bejgħ

(Indiċi 2008 = 100)	2008	2009	2010	PI
Il-prezz medju tal-bejgħ ta' unità fis-suq ristrett	100	90	67	78
Il-prezz medju tal-bejgħ ta' unità fis-suq ħieles	100	86	75	83

Sors: tweġibiet ivverifikati tal-kwestjonarji.

(85) Il-prezzijiet tal-bejgħ waqgħu fiż-żewġt iswieq, anki jekk it-tnaqqis kien iktar drastiku fis-suq ristrett (-22 %) milli fis-suq ħieles (-17 %).

5.1.8. *Il-profittabilità, il-fluss tal-flus, il-kapaċità li jinkiseb il-kapital, l-investimenti u r-redditu fuq l-investiment*

Tabella 9

Il-profittabbiltà u l-fluss tal-flus

(Indiċi 2008 = 100)	2008	2009	2010	PI
Il-profittabbiltà fis-suq ħieles	100	85	73	75
Il-fluss tal-flus fis-suq ħieles	100	56	54	52

Sors: tweġibiet ivverifikati tal-kwestjonarji.

(86) Il-profittabbiltà għall-prodott simili fis-suq ħieles kienet stabbilita permezz tal-espressjoni tal-profitt nett qabel it-taxxa tal-bejgħ tal-prodott simili mill-industrija tal-Unjoni fis-suq ħieles tal-Unjoni, bħala l-persentaġġ tal-fatturat minn tali bejgħ.

(87) Il-profittabbiltà fis-suq ħieles naqset drastikament u nbidlet f'telf matul il-perjodu kkunsidrat. Il-profittabbiltà kienet qed tesperjenza tendenza ta' tnaqqis bejn l-2008 u l-PI. Għalkemm żdiedet bi ftit tul il-PI meta mqabbel mal-2010, il-profittabbiltà baqgħet negattiva.

(88) Anki l-fluss tal-flus qabad tendenza progressivament negattiva bejn l-2008 u l-PI, fejn naqas bi 48 % tul il-perjodu meqjus.

(89) L-abbiltà li jinkiseb il-kapital ġiet analizzata b'rabta mas-suq totali u nstab li hemm deterjorament kostanti tal-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni li tiġġenera l-flus konsegwentement, dgħajfien tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni.

(90) Wara l-iżvelar tad-dokument informattiv, parti interessata ddikjarat li l-profittabbiltà u l-fluss tal-flus għandhom jiġu eżaminati fil-livell tas-suq totali u mhux fil-livell tas-suq ħieles, billi valutazzjoni tad-dannu fil-livell tas-suq ħieles ma tkunx kompluta, meta wieħed iqis is-sitwazzjoni speċifika tal-industrija tal-Unjoni, li ħafna mill-bejgħ tagħha jkun maħsub għal użu ristrett.

(91) Kif intqal fil-premessi (55) u (58) ta' hawn fuq, għandu jiġi nnutat li billi l-prezzijiet fis-suq ristrett huma sempliċement prezzijiet ta' trasferiment, analiżi fil-livell tas-suq ristrett ma kinitx tkun waħda li tagħmel sens biex issir analiżi tad-dannu, għax ma tirriflettix il-prezzijiet tas-suq ħieles fejn kien hemm il-kompetizzjoni mal-importazzjonijiet mill-Kazakistan. Barra minn hekk, l-effett tal-attivitajiet tal-industrija tal-Unjoni fis-suq ristrett tqies fil-partijiet rilevanti tal-analiżi tal-kawżalità, u b'mod aktar speċifiku fil-premessi minn (135) sa (136) hawn taħt. Għaldaqstant dan l-argument ġie rrifjutat.

(92) Iċ-ċifri ta' hawn isfel jirrappreżentaw l-evoluzzjoni tal-investimenti tal-industrija tal-Unjoni b'rabta mas-suq totali matul il-perjodu meqjus:

Tabella 10

L-investimenti u r-redditu fuq l-investiment

(Indiċi 2008 = 100)	2008	2009	2010	PI
L-investimenti	100	98	79	69
Ir-redditu fuq l-investiment fis-suq totali	100	20	19	15

Sors: tweġibiet ivverifikati tal-kwestjonarji.

(93) It-tabella ta' hawn fuq turi li l-industrija tal-Unjoni naqqset l-investimenti tagħha b'31 % fil-prodott simili. Dan kien marbut mat-tnaqqis tal-industrija. L-investimenti li saru kienu marbuta l-aktar mal-bżonn li jkun hemm konformità mar-rekwiżiti regolatorji, kif ukoll titjib u manutenzjoni tat-teknoloġija u l-proċessi tal-produzzjoni sabiex titjieb l-effiċjenza.

(94) Anki r-redditu fuq l-investimenti fil-fosforu abjad wera tendenza negattiva bejn l-2008 u l-PI.

5.1.9. *Il-konklużjoni dwar id-dannu*

(95) L-analiżi tas-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni wriet tendenza ċara ta' tnaqqis għall-indikaturi kollha ewlenin tad-dannu. Fi sfond ta' konsum relattivament stabbli fis-suq ħieles, il-produzzjoni inġenerali naqset b'25 % fil-perjodu meqjus. Tul l-istess perjodu, l-industrija tal-Unjoni tilfet 20 % tas-sehem totali tas-suq u 63 % tas-suq ħieles. L-użu tal-kapaċità naqas b'25 %.

(96) Tul il-perjodu kkunsidrat, il-volum totali tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni naqas bi 17 %. Tendenza qawwija 'l isfel fil-volumi tal-bejgħ tista' tiġi osservata fis-suq ħieles li esperjenza tnaqqis ta' 64 % tul il-perjodu meqjus.

(97) It-tnaqqis fil-volumi tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni kien akkumpanjat minn tnaqqis fil-prezz tal-bejgħ ta' 17 %. Is-sitwazzjoni kienet simili fis-suq ristrett fejn il-prezzijiet naqsu bi 22 % tul il-perjodu meqjus. It-telf fil-volum tal-bejgħ flimkien mat-tnaqqis fil-prezzijiet kellhom effett fuq il-livelli tal-profitt u wasslu għal telf.

(98) Bosta partijiet interessati qalu li l-industrija tal-Unjoni kienet sejra tajjeb wara l-irkupru tagħha mill-kriżi ekonomika fl-2009. B'mod speċifiku, intqal li l-evoluzzjoni ta' ċerti indikaturi tad-dannu, jiġifieri l-volum u l-prezzijiet tal-bejgħ ta' esportazzjoni u dak domestiku tal-Unjoni, il-prezz tal-prodotti u l-investimenti, iżda anki l-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità ma kinux se juru dannu materjali. Dawn l-allegazzjonijiet ma kinux ikkonfermati mir-riżultati tal-investigazzjoni preżenti, li wriet biċ-ċar tendenzi negattivi forsi mhux fl-indikaturi kollha iżda f'dawk ewlenin tad-dannu, anki wara l-2009.

(99) Xi partijiet qalu li kien hemm tendenza ta' tnaqqis kemm fil-volum u kemm fis-sehem tas-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat matul il-perjodu kkunsidrat u li kienet saret stima għolja wisq tal-kapaċità tal-industrija tal-fosforu tal-Kazakistan. Bl-istess mod, dawn l-allegazzjonijiet ma kinux ikkonfermati mis-sejbiet tal-investigazzjoni preżenti li wriet żieda kostanti fil-volum u s-sehem tas-suq tal-importazzjonijiet mill-Kazakistan. Bl-istess mod, il-kapaċità tal-produzzjoni tal-produttur esportatur fil-Kazakistan ġiet iddeterminata fuq il-bażi tad-dejta vverifikata mressqa minn din il-kumpanija.

(100) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, l-investigazzjoni kkonfermat li jekk l-importazzjonijiet soġġett għal dumping jibqgħu jidħlu fis-suq tal-Unjoni, huwa probabbli li t-telf tal-industrija tal-Unjoni jwassal għat-twaqqif permanenti ta' kull produzzjoni mdaqqsa tal-fosforu abjad tal-Unjoni. Dan jidher li hu kkonfermat mill-iżviluppi wara l-PI, jiġifieri l-industrija tal-Unjoni ddikkjarat ruħha falluta u qiegħda fi proċess ta' likwidazzjoni.

(101) Minħabba ċ-ċirkostanzi ppreżentati hawn fuq, ġie konkluż li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu materjali, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku.

E. **IL-KAWŻALITÀ**

1. INTRODUZZJONI

(102) F'konformità mal-Artikolu 3(6) u (7) tar-Regolament bażiku, ġie eżaminat jekk id-dannu materjali li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni kienx ikkawżat mill-importazzjonijiet soġġetti għal dumping mill-pajjiż ikkonċernat. Barra minn hekk, fatturi magħrufin minbarra l-importazzjonijiet soġġetti għal dumping, li setgħu kkawżaw dannu lill-industrija tal-Unjoni, ġew eżaminati sabiex jiġi żgurat li kwalunkwe dannu kkawżat minn dawk il-fatturi ma kienx attribwit għall-importazzjonijiet soġġetti għal dumping.

2. L-EFFETT TAL-IMPORTAZZJONIJIET LI HUMA SOĠĠETTI GĦAL DUMPING

(103) L-investigazzjoni wriet li l-importazzjonijiet li huma soġġetti għal dumping mill-Kazakistan żdiedu b'mod drammatiku matul il-perjodu kkunsidrat, u dan żied is-sehem tagħhom tas-suq fis-suq ħieles b'36 %. Kien hemm koinċidenza ċara fiż-żmien bejn iż-żieda tal-importazzjonijiet li huma soġġetti għal dumping u t-telf tas-sehem tas-suq tal-industrija tal-Unjoni. L-investigazzjoni stabbilixxiet ukoll li l-importazzjonijiet li huma soġġetti għal dumping kontinwament waqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni. Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet li huma soġġetti għal dumping naqsu b'19 % tul il-perjodu kkunsidrat u wasslu għal żieda fit-twaqqigħ tal-prezzijiet. Fi sfond ta' pressjoni fuq il-prezzijiet, l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx iżżid il-prezzijiet tagħha. Konsegwentement, ma kinitx kapaċi tkopri ż-żieda fil-kostijiet kif jidher fit-tabella hawn taħt. Barra minn hekk, il-profittabbiltà tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni naqset b'mod drammatiku.

Tabella 11

Il-kost tal-produzzjoni (l-Industrija tal-Unjoni)

(Indiċi 2008 = 100)	2008	2009	2010	PI
Il-kost tal-produzzjoni (Euro/MT)	100	105	103	112

Sors: tweġibiet ivverifikati tal-kwestjonarji.

(104) Bosta partijiet interessati qalu li l-importazzjonijiet mill-Kazakistan sempliċement segwew l-iżvilupp fil-konsum u għalhekk ma influwenzawx is-sitwazzjoni tas-suq tal-fosforu abjad. Madankollu, la ċ-ċifri tal-importazzjoni u lanqas dawk tal-konsum stabbiliti tul l-investigazzjoni ma kkonfermaw dawn id-dikjarazzjonijiet, li għall-kuntrarju wrew li, filwaqt li l-konsum fis-suq ħieles naqas ftit matul il-perjodu meqjus, l-importazzjonijiet mill-Kazakistan żdiedu, jiġifieri qabdu tendenza opposta tul l-istess perjodu. Din iż-żieda fl-importazzjonijiet mill-Kazakistan kienet innutata fl-istess żmien tad-deterjorament tal-industrija tal-Unjoni. Għaldaqstant dawn id-dikjarazzjonijiet ġew irrifjutati.

(105) Abbażi ta' li ntqal hawn fuq, il-konklużjoni hija li ż-żieda tal-importazzjonijiet li huma soġġetti għal dumping mill-Kazakistan bi prezzijiet li b'mod kostanti waqqgħu dawk tal-industrija tal-Unjoni, kellhom rwol determinanti fid-dannu materjali li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni.

3. L-EFFETT TA' FATTURI OĦRA

3.1. **Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn**

(106) It-tabella li ġejja turi l-iżviluppi tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn.

Tabella 12

L-importazzjonijiet u l-ishma tas-suq minn pajjiżi terzi oħrajn

(Indiċi 2008 = 100)	2008	2009	2010	PI
Il-volum tal-importazzjonijiet Ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina	100	58	118	89

(Indiċi 2008 = 100)	2008	2009	2010	PI
Il-prezz medju ta' kull Unità Ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina	100	62	54	68
Il-volum tal-importazzjonijiet Ir-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam	100	671	363	470
Il-prezz medju ta' kull Unità, Ir-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam	100	92	73	74
Is-sehem tas-suq tal-importazzjonijiet mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina fis-suq totali	100	96	150	102
Is-sehem tas-suq tal-importazzjonijiet mir-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam fis-suq totali	100	1 120	459	540

Sors: Il-Eurostat u informazzjoni miksuba minn partijiet interessati permezz ta' tweġibiet għall-kwestjonarji.

(107) Is-suq tal-fosforu abjad hu kkonċentrat ħafna, minħabba li hemm biss ftit produtturi fid-dinja. L-informazzjoni miġbura tul l-investigazzjoni wriet li r-Repubblika Popolari taċ-Ċina hija l-produttur ewlieni tal-fosforu abjad. Fil-bidu tal-perjodu kkunsidrat fl-2008, ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina introduċiet rata ta' dazju tal-esportazzjoni ta' 100 % fuq il-fosforu abjad, barra r-rata applikabbli ta' dazju tal-esportazzjoni li kien hemm dak iż-żmien ta' 20 %. Konsegwentement, l-importazzjonijiet mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina naqsu drastikament u l-volumi tal-importazzjoni baqgħu baxxi tul il-perjodu kkunsidrat kollu, minkejja li r-rata tad-dazju naqset għal 20 % fil-PI.

(108) L-importazzjonijiet mir-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam ("il-Vjetnam") irrappreżentaw volum ta' importazzjonijiet żgħir tul il-perjodu kkunsidrat.

(109) Ta' min jinnota li l-prezzijiet medji ta' importazzjoni ta' unità mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u l-Vjetnam huma fl-istess firxa tal-prezz medju ta' unità tal-industrija tal-Unjoni.

(110) Wara l-iżvelar tad-dokument informattiv, parti interessata qalet li l-pressjoni tal-prezzijiet fuq is-suq tal-Unjoni kienet ikkawżata minn importazzjonijiet ta' fosforu abjad mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina. Madankollu, id-dejta disponibbli ma tikkonfermax din l-allegazzjoni minħabba li l-volumi tal-importazzjonijiet mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina naqsu bejn l-2008 u l-PI (b'livell massimu fl-2010) u li l-prezzijiet tal-importazzjonijiet mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina kienu, bejn wieħed u ieħor, fl-istess livelli tal-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni tul il-perjodu kollu kkunsidrat, jew anki ogħla. Wieħed jista' josserva wkoll li s-sehem tas-suq tal-importazzjonijiet tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina baqa' relattivament stabbli bejn l-2008 u l-PI (b'livell massimu fl-2010), bil-maqlub tas-sehem tas-suq tal-Kazakistan li żdied b'mod kostanti, b'total ta' 36 % bejn l-2008 u l-PI. Għaldaqstant, din l-allegazzjoni ġiet irrifjutata.

3.2. **L-iżvilupp tal-kost tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni**

(111) Wara l-iżvelar tad-dokument informattiv, l-istess parti qalet li ż-żieda fil-prezz tal-produzzjoni ta' kull unità tal-industrija tal-Unjoni għandha tiġi rikonoxxuta bħala kawża separata ta' dannu. Kien argumentat li filwaqt li l-prezz tal-materja prima prinċipali naqas b'mod ġenerali, il-prezz ta' kull unità żdied. L-investigazzjoni wriet li r-raġuni prinċipali għaż-żieda fil-prezz ta' kull unità tal-industrija tal-Unjoni, kienet fil-fatt it-telf tal-ekonomiji ta' skala minħabba l-bejgħ imnaqqas fis-suq ħieles b'riżultat tal-importazzjonijiet li huma soġġetti għal dumping mill-Kazakistan u t-tnaqqis sussegwenti fil-volum tal-produzzjon'. Għaldaqstant, iż-żieda fil-kostijeit ta' kull unità ma tistax titqies bħala kawża seperata ta' dannu, iżda bħala konsegwenza tal-importazzjonijiet li huma soġġetti għal dumping. Għaldaqstant, din l-allegazzjoni ġiet irrifjutata.

3.3. **Il-ftehim preferenzjali ma' produttur esportatur**

(112) Xi partijiet interessati sostnew li kwalunkwe dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni kien ikkawżat mit-tmiem tar-relazzjoni bejn l-industrija tal-Unjoni u l-produttur esportatur li kkoopera u t-telf konsegwenti tal-ftehim preferenzjali ta' provvista, li fisser li l-industrija tal-Unjoni kellha tiffaċċja l-kompetizzjoni ta' importazzjonijiet diretti mill-produttur esportatur. Skont dawn il-partijiet, il-ftehim preferenzjali kkumpensa għan-nuqqas ta' aċċess dirett mill-industrija tal-Unjoni għall-materja prima prinċipali, jiġifieri l-blat tal-fosfori.

(113) Partijiet oħrajn argumentaw li minħabba li ntemm il-ftehim preferenzjali, investimenti passati allegati tal-industrija tal-Unjoni fil-kumpanija relatata ta' qabel kkontribwixxew għad-dannu mġarrab, billi t-tmiem tal-ftehim preferenzjali ma ppermettiex lill-industrija tal-Unjoni li tibbenefika minn dawn l-investimenti.

(114) Tabilħaqq, l-investigazzjoni wriet li, bejn l-2003 u l-2007, l-industrija tal-Unjoni u l-produttur esportatur li kkoopera kienu proprjetà tal-istess detentur tal-ishma u wara dan baqa' fis-seħħ ftehim preferenzjali ta' bejgħ bejn iż-żewġ partijiet sal-2008.

(115) Il-partijiet ikkonċernati ma provdewx evidenza ta' sostenn li turi l-livell ta' kwalunkwe investiment allegat tal-industrija tal-Unjoni fl-attivitajiet tal-produttur esportatur fil-Kazakistan. Barra minn hekk, l-investigazzjoni ma żvelat l-ebda rabta diretta bejn l-ebda investimenti passati possibbli tal-industrija tal-Unjoni u d-dannu materjali mġarrab tul il-PI. Tabilħaqq, l-informazzjoni disponibbli ma wrietx sa fejn l-investimenti allegati setgħu kkontribwixxew għas-sitwazzjoni preżenti tal-industrija tal-Unjoni, jekk wara kollox ikontribwixxew għaliha. Għaldaqstant, din l-allegazzjoni ġiet irrifjutata bħala waħda bla bażi.

(116) Fir-rigward tat-telfien tas-sjieda komuni, dan ma jistax jiġi kkunsidrat bħala fattur li qed jikkawża dannu. Tabilħaqq, it-telfien tas-sjieda komuni fisser biss li l-produttur esportatur fil-Kazakistan seta' jesporta l-prodott ikkonċernat direttament lill-konsumaturi indipendenti fl-Unjoni Ewropea. Madankollu, dan ma fissirx li esportazzjonijiet bħal dawn għandhom isiru bi prezzijiet ta' dumping li jikkawżaw dannu. Huma dawn tal-aħħar li qed jikkawżaw dannu lill-industrija tal-Unjoni.

3.4. **L-aċċess għall-materja prima prinċipali**

(117) Diversi partijiet interessati sostnew li d-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni kien marbut ma' nuqqas ta' kompetittività f'termini ta' kostijiet, peress li ma kellhiex aċċess dirett għall-blat tal-fosfat, materja prima prinċipali li tipproduċi l-fosforu abjad, filwaqt li l-produttur esportatur li kkoopera fil-Kazakistan jinsab qrib il-minjieri tal-blat tal-fosfat u jgawdi minn drittijiet esklussivi ta' esplojtazzjoni. Tressaq l-argument li l-kostijiet tat-trasport tal-blat tal-fosfat u l-kostijiet għarrimi tal-ħama (skart fil-produzzjoni tal-fosforu abjad) huma sinifikanti peress li m'hemmx disponibbiltà ta' ħażna naturali għall-ħama.

(118) Filwaqt li l-investigazzjoni wriet li l-kost tal-blat tal-fosfat huwa fil-fatt sinifikanti, dan l-element waħdu ma setgħax jiġġustifika s-sitwazzjoni ta' dannu tal-industrija tal-Unjoni. Fil-fatt, anki jekk id-differenza fil-kost tal-blat tal-fosfat bejn l-industrija tal-Unjoni u l-produttur esportatur li kkoopera titqies fil-valutazzjoni tad-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni, id-dannu jibqa' xorta sinifikanti.

(119) L-investigazzjoni wriet li filwaqt li l-kostijiet tat-trasport għall-blat tal-fosfat huma sinifikanti għall-industrija tal-Unjoni, mhumiex daqstant li jwasslu biex il-produzzjoni tal-fosforu abjad fl-Unjoni ma tkunx kompetittiva. Anki jekk jitqiesu l-kostijiet tat-trasport tal-blat tal-fosfat fl-ispiża tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni, il-marġini tad-dannu xorta jibqa' sostanzjali.

(120) Fir-rigward tal-argument tan-nuqqas ta' ħażna naturali tal-ħama, l-investigazzjoni tikkonferma li ma nsabitx evidenza li dan iġġenera żvantaġġ għall-industrija tal-Unjoni, peress li kienet kapaċi tirriċikla l-ħama billi terġa' tintroduċiha fil-proċess tal-produzzjoni tal-fosforu abjad.

(121) Fil-qosor, l-investigazzjoni wriet li anke kieku kellu jiġi kkunsidrat il-vantaġġ fil-kost tal-produttur esportatur li kkoopera, dan ma jispjegax is-sitwazzjoni ta' dannu għall-industrija tal-Unjoni u li għalhekk id-differenza fil-kost fl-estrazzjoni tal-blat tal-fosfat seta' kellha biss impatt parzjali fuq il-qagħda ta' dannu tal-industrija tal-Unjoni. Din is-sejba kienet sostnuta mill-fatt li b'mod sinifikanti ġew rreġistrati ċifri ta' profittabbiltà aħjar għall-prodotti derivati mmanifatturati mill-industrija tal-Unjoni li jinkorporaw il-fosforu abjad.

(122) Abbażi ta' dan, ġie konkluż li l-aċċess għall-materja prima u l-impatt tiegħu fuq il-kostijiet, għalkemm ikkontribwixxew sa ċertu punt għas-sitwazzjoni ta' dannu għall-industrija tal-Unjoni ma kinux tali li jwasslu biex tinkiser ir-rabta kawżali stabbilita bejn l-importazzjonijiet li huma soġġetti għal dumping mill-Kazakistan u d-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

3.5. **Il-kisbiet fil-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni u l-importazzjonijiet mill-industrija tal-Unjoni tal-prodott ikkonċernat**

(123) Diversi partijiet interessati sostnew li, skont ir-rapport annwali tal-2010, l-industrija tal-Unjoni ħabbtet wiċċha ma' problemi tekniċi kbar fl-2010 u fl-ewwel nofs tal-2011 u li dawn il-problemi kellhom effett negattiv fuq il-livelli ta' produzzjoni tagħha li wassluha biex timporta l-prodott ikkonċernat mill-Kazakistan. Huma sostnew ukoll li kwalunkwe dannu mġarrab ukoll kien riżultat ta' dawn l-importazzjonijiet u għaldaqstant id-dannu kkawżatu l-industrija tal-Unjoni stess. L-investigazzjoni wriet li l-problemi tekniċi li kellha l-industrija tal-Unjoni fl-2010 u fl-ewwel nofs tal-2011 ma affettwawx b'mod sinifikanti s-sitwazzjoni tagħha, peress li dawn la wasslu għal waqfa fil-produzzjoni, u lanqas għal sitwazzjoni fejn ma setgħetx tlaħħaq mat-talbiet ta' forniment ta' fosforu abjad tal-klijenti fis-suq ħieles, mill-produzzjoni tagħha stess. Barra minn hekk, instab li l-industrija tal-Unjoni importat mill-Kazakistan u li dawn l-importazzjonijiet kienu ta' natura komplementari u eċċezzjonali, kif ukoll limitati f'termini ta' volum meta mqabbla mal-produzzjoni totali tal-Unjoni. Barra minn hekk, l-investigazzjoni ma sabet l-ebda evidenza li l-industrija tal-Unjoni bieġħet xi waħda mill-importazzjonijiet fis-suq ħieles. Barra minn hekk, għandu jiġi nnutat li r-rapport tad-direttur tal-2010 kien marbut mal-kontijiet annwali kkonsolidati tal-industrija tal-Unjoni għall-attivitajiet kollha tal-kumpanija u għaldaqstant ma kienx marbut biss mal-produzzjoni tal-fosforu abjad.

(124) Abbażi ta' dan, instab li l-impatt tad-diffikultajiet iffaċċjati mill-industrija tal-Unjoni tul parti mill-perjodu kkunsidrat u l-importazzjonijiet limitati tal-prodott ikkonċernat, ma kellhomx impatt sinifikanti, jekk fil-fatt kellhom impatt, fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni fir-rigward tal-fosforu abjad maħsub għas-suq ħieles u ma kinux tali li jiksru r-rabta kawżali. L-argumenti miġjuba mill-partijiet interessati f'dan ir-rigward ġew irrifjutati.

3.6. **Proċess ġdid ta' produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni**

(125) Xi partijiet interessati qalu li l-industrija tal-Unjoni investiet ammonti sinifikanti f'teknoloġiji ġodda ta' produzzjoni u dawn ġabu diffikultajiet tekniċi u problemi ambjentali li kkawżaw id-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

(126) L-investigazzjoni kkonfermat li l-industrija tal-Unjoni investiet fl-iżvilupp ta' proċess ġdid ta' produzzjoni fejn il-blat tal-fosfat jiġi sostitwit b'fosfat meħud minn flussi ta' skart. Madankollu, kif diġà ssemma fil-premessa (92) fit-tabella 10 ta' hawn fuq, l-investigazzjoni wriet ukoll li l-investimenti marbutin mal-fosforu abjad naqsu tul il-perjodu meqjus. L-investimenti fit-teknoloġija l-ġdida għalhekk ma setax kellhom parti sinifikanti fid-deterjorament tas-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni. Barra minn hekk, l-investigazzjoni ma żvelatx evidenza li t-teknoloġiji l-ġodda rriżultaw f'diffikultajiet tekniċi u fi problemi ambjentali, kif ġie ddikjarat, u l-partijiet interessati kkonċernati ma sostnewx l-allegazzjonijiet tagħhom b'dejta fattwali. Għaldaqstant, l-argumenti tal-partijiet f'dan ir-rigward ġew irrifjutati.

3.7. **Il-prestazzjoni tal-esportazzjonijiet tal-industrija tal-Unjoni**

(127) Xi partijiet interessati qalu li l-bejgħ ta' esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni waqa' b'mod sinifikanti matul il-perjodu kkunsidrat u li dan ikkawża d-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

(128) L-investigazzjoni wriet li l-bejgħ ta' esportazzjoni ammonta għal persentaġġ żgħir tal-produzzjoni totali tal-industrija tal-Unjoni u seta' kellu biss impatt limitat ħafna fuq is-sitwazzjoni ġenerali tal-industrija tal-Unjoni.

(129) Abbażi ta' dan, instab li l-impatt tal-prestazzjoni tal-esportazzjonijiet tal-industrija tal-Unjoni ma kienx tali li jikser ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet li huma soġġetti għal dumping u d-dannu materjali li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni. Għaldaqstant, l-argumenti tal-partijiet f'dan ir-rigward kellhom jiġu rrifjutati.

3.8. **L-impatt tal-kriżi finanzjarja u ekonomika**

(130) Parti interessata qalet li kull dannu kkawżat lill-industrija tal-Unjoni rriżulta mill-kriżi ekonomika u t-tnaqqis tad-domanda fl-Unjoni.

(131) L-investigazzjoni preżenti, kif imsemmi f'ċerti premessi hawn fuq, uriet li t-tnaqqis fil-konsum tal-Unjoni fuq is-suq ħieles kien biss ta' 2 % tul il-perjodu meqjus. Għaldaqstant, l-impatt tal-kriżi ekonomika f'termini ta' tnaqqis fil-konsum ma setax kien fattur importanti fit-tnaqqis drastiku fil-volum ta' bejgħ, kif jidher fil-premessa (76) et seq. F'termini ta' prezzijiet, is-suq esperjenza tnaqqis bejn l-2008 u l-2010, iżda tnaqqis fil-prezzijiet ta' bejgħ li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni ssokta u saħansitra żdied wara l-2009 f'tentattiv biex tikkompeti mal-prezzijiet baxxi tal-importazzjonijiet li huma soġġetti għal dumping mill-Kazakistan. Għaldaqstant l-allegazzjoni ġiet irrifjutata.

(132) Abbażi ta' dan, instab li l-impatt globali tal-kriżi finanzjarja u ekonomika u t-tnaqqis fid-domanda ma kienx tali li jikser ir-rabta kawżali stabbilita bejn id-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni u l-importazzjonijiet li huma soġġetti għal dumping.

3.9. **L-għażla tal-fornituri tal-klijenti**

(133) Ġie sostnut li d-dannu li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni kien ikkawżat mill-għażla tal-klijenti li jibdlu l-fornitur minħabba, *inter alia*, l-allegat nuqqas ta' konformità fi kwistjonijiet ambjentali u ta' sikurezza. Madankollu ma ngħatat l-ebda evidenza u l-investigazzjoni ma żvelatx ċirkostanzi fattwali li jikkonfermaw dawn l-allegazzjonijiet. Għall-kuntrarju, l-investigazzjoni wriet li huma l-prezzijiet li prinċipalment jaffettwaw is-suq u kunsiderazzjonijiet oħra ma għandhomx rwol deċiżiv.

(134) Abbażi ta' dan, dawn l-argumenti ġew irrifjutati.

3.10. **L-impatt tal-bejgħ fis-suq ristrett**

(135) Wara l-iżvelar tad-dokument informattiv, parti interessata qalet li billi l-industrija tal-Unjoni trasferixxiet il-fokus prinċipali tagħha fuq is-suq ristrett, ir-riżorsi u l-kontanti tagħha huma prinċipalment maħsubin għall-attivitajiet f'dan is-suq. Għaldaqstant, kien allegat li t-telf imġarrab fis-suq ħieles u d-dannu li rriżulta minnu, kienu konsegwenza ta' din is-sitwazzjoni u mhux tal-importazzjonijiet li huma soġġetti għal dumping.

(136) L-investigazzjoni ma kkonfermatx l-allegazzjonijiet imsemmijin hawn fuq, billi pereżempju l-investimenti kienu qed jonqsu fiż-żewġt iswieq u ma nstabitx evidenza li kien hemm trasferiment ta' flus kontanti jew ta' riżorsi oħra mis-suq ħieles għas-suq ristrett tul il-perjodu meqjus. Għaldaqstant dan l-argument kellu jiġi rrifjutat.

3.11. **Il-konformità mal-istandards ambjentali**

(137) Intqal li d-dannu materjali ġie ikkawżat mill-obbligi legali tal-industrija tal-Unjoni li tikkonforma mal-istandards ambjentali stretti tal-UE. Barra minn hekk, wara l-iżvelar tad-dokument informattiv, xi partijiet qalu li l-impatt tan-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti ambjentali għandu jiġi investigat ukoll, jiġifieri l-impatt ta' multi allegatement sinifikanti li l-industrija tal-Unjoni kellha ħallas lill-awtoritajiet tal-Pajjiżi l-Baxxi tul il-perjodu meqjus.

(138) L-investigazzjoni wriet li l-industrija tal-Unjoni għamlet investimenti biex tikkonforma mal-istandards ambjentali u tnaqqas l-emissjonijiet ta' diossina tul il-perjodu meqjus kollu Madankollu, kif jidher fit-tabella 10, l-investimenti globali kienu qed jonqsu tul il-perjodu meqjus. Barra minn hekk, instab li dawn l-investimenti esperjenzaw deprezzament fuq numru ta' snin u għaldaqstant kellhom biss impatt żgħir fuq ir-riżultati finanzjarji annwali. Għandu jiġi nnutat li filwaqt li fl-2008 l-investimenti kienu sostanzjalment ogħla milli fil-PI, l-industrija tal-Unjoni għamlet profitt dik is-sena. L-istampa negattiva tad-dannu tal-industrija tal-Unjoni għalhekk ma setgħetx tiġi attribwita lill-investimenti magħmula f'konformità mal-istandards ambjentali.

(139) Fir-rigward tal-allegati multi għan-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti ambjentali, l-investigazzjoni żvelat lil għalkemm l-industrija tal-Unjoni tabilħaqq laqqtet multa f'każ speċifiku mill-awtoritajiet tal-Pajjiżi l-Baxxi, l-ammont ta' din il-multa ma kienx sinifikanti kif kien allegat mill-partijiet ikkonċernati u l-pagament kellu jsir biss wara l-PI, li għaldastant, fi kwalunkwe każ ma setax kellu impatt fuq is-sitwazzjoni ta' dannu tal-industrija tal-Unjoni tul il-PI.

(140) Fid-dawl ta' li ntqal ta' hawn fuq, dan l-argument ġie rrifjutat.

3.12. **Id-deċiżjonijiet ta' ġestjoni fl-2009**

(141) Wara l-iżvelar tad-dokument informattiv, intqal li d-dannu materjali li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni kien ikkawżat minn deċiżjoni ta' ġestjoni fl-2009 li jitqassmu d-dividends lill-azzjonisti, li probabbilment wasslet għall-allegat rekwiżit mill-banek biex jitħallsu d-djun fuq żmien twil, li mbagħad ħalla impatt negattiv sinifikanti fuq s-setgħa finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni.

(142) Dawn l-allegazzjonijiet kienu bbażati fuq informazzjoni li kienet fil-kontijiet annwali kkonsolidati tal-2009 tal-kumpanija possedenti tal-industrija tal-Unjoni, li mhumiex relatati biss mal-attivitajiet marbutin mal-fosforu. Barra minn hekk, il-konklużjonijiet li waslu għalihom il-partijiet interessati kkonċernati kienu bbażati fuq assunzjonijiet li ma kinux neċessarjament jirriflettu l-valutazzjoni oġġettiva tas-sitwazzjoni fl-2009. L-investigazzjoni ma kinitx żvelat li d-deċiżjonijiet ta' ġestjoni li ttieħdu fl-2009 ma kinux tas-soltu jew li ttieħdu bla kawtela, billi l-istess kontijiet juru pereżempju li l-qligħ miżmum tal-kumpanija kien għoli tul l-istess perjodu, minkejja s-sitwazzjoni ġenerali diffiċli fis-suq. Għaldaqstant, ma jistax jiġi konkluż li d-deċiżjonijiet meħuda f'dak iż-żmien kellhom impatt negattiv sinifikanti fuq is-saħħa finanzjarja tal-kumpanija, kif allegaw dawn il-partijiet, u anki impatt fuq is-sitwazzjoni ta' dannu tal-industrija tal-Unjoni b'rabta mal-attivitajiet tagħha relatati mal-fosforu abjad tul il-PI. Abbażi ta' dan, dawn l-argumenti ġew irrifjutati.

3.13. **Il-konklużjoni dwar il-kawżalità**

(143) L-investigazzjoni żvelat li hemm rabta kawżali bejn id-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni u l-importazzjonijiet li huma soġġetti għal dumping mill-Kazakistan. Ġew analizzati kawżi oħra possibbli ta' dannu, bħal pereżempju l-importazzjonijiet minn pajjiżi oħra, l-iżviluppi tal-kost tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni, il-kisbiet fil-produzzjoni, il-proċess il-ġdid ta' produzzjoni, il-prestazzjoni tal-esportazzjonijiet tal-industrija tal-Unjoni, l-importazzjonijiet mill-industrija tal-Unjoni, l-impatt tal-kriżi finanzjarja u ekonomika, l-għażla tal-fornituri mill-klijenti, l-impatt tal-bejgħ fis-suq ristrett, il-konformità u n-nuqqas tagħha mal-istandards ambjentali i d-deċiżjonijiet ta' ġestjoni, u l-ebda waħda minnhom ma nstab li setgħet kisret ir-rabta kawżali stabbilita bejn l-importazzjonijiet li huma soġġetti għal dumping mill-Kazakistan u d-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni. Madankollu, l-investigazzjoni wriet li għalkemm ċerti fatturi oħrajn, jiġifieri l-aċċess għall-materja prima prinċipali, ikkontribwixxew sa ċertu punt għas-sitwazzjoni ta' dannu tal-industrija tal-Unjoni, l-importazzjonijiet mill-Kazakistan xorta kellhom impatt materjali fuq id-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni. Kif diġà ntqal fuq, dawn għalhekk ma setgħux jiksru r-rabta kawżali bejn dawn l-importazzjonijiet u d-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

(144) Diversi partijiet interessati qalu li l-fatt li l-industrija tal-Unjoni ddikjarat ruħha falluta, minkejja li ammont limitat ta' bejgħ biss huwa f'kompetizzjoni mal-importazzjonijiet mill-Kazakistan, jikkonferma li dawk l-importazzjonijiet ma setgħux ikkawżaw id-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni. Madankollu, il-fatturi possibbli l-oħra kollha ġew analizzati u kif ġie deskritt hawn fuq fil-premessi (106) sa (142), l-ebda wieħed minn dawn il-fatturi ma seta' jikser ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet li huma soġġetti għal dumping u d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni. Għandu jiġi nnutat ukoll li l-industrija tal-Unjoni hija integrata vertikalment u li għaldaqstant anki l-pressjoni tal-prezzijiet mill-importazzjonijiet li huma soġġetti għal dumping għandha effett detrimentali fis-swieq tad-derivati tal-industrija tal-Unjoni. Għaldaqstant, dan l-argument ġie rrifjutat.

(145) Abbażi tal-analiżi ta' hawn fuq, li ddistingwiet u sseparat kif xieraq l-effetti tal-fatturi kollha magħrufa fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni mill-effetti ta' dannu tal-importazzjonijiet li huma soġġetti għal dumping, ġie għalhekk konkluż definittivament li kien hemm rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet li huma soġġetti għal dumping mill-Kazakistan u d-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni tul il-PI.

F. **L-INTERESS TAL-UNJONI**

1. KUMMENT PRELIMINARI

(146) Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, ġie eżaminat jekk, minkejja l-konklużjoni provviżorja dwar id-dumping li jikkawża dannu, kinux jeżistu raġunijiet validi sabiex jiġi konkluż li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li tadotta miżuri ta' anti-dumping f'dan il-każ partikolari. L-analiżi tal-interess tal-Unjoni kienet ibbażata fuq apprezament tad-diversi interessi involuti f'dan il-proċediment, inklużi dawk tal-industrija tal-Unjoni u tal-utenti tal-prodott ikkonċernat. Il-konsegwenzi f'każ li ma jittieħdux miżuri ġew ikkunsidrati wkoll abbażi tal-evidenza mressqa.

2. L-INTERESS TAL-INDUSTRIJA TAL-UNJONI

(147) L-analiżi ta' hawn fuq uriet li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu materjali minħabba importazzjonijiet li huma soġġetti għal dumping mill-Kazakistan, li waqqgħu b'mod sinifikanti l-prezzijiet tagħha fis-suq tal-Unjoni. Il-maġġoranza tal-indikaturi tad-dannu wrew tendenza negattiva tul il-perjodu meqjus. L-industrija tal-Unjoni tilfet sehem sinifikanti tas-suq u l-indikaturi tad-dannu relatati mal-prestazzjoni finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni, bħall-fluss tal-flus, ir-redditu fuq l-investimenti u l-profittabbiltà ġew affettwati serjament. Wara l-PI, it-tendenza negattiva kompliet u din wasslet lill-industrija tal-Unjoni biex tiddikjara ruħha falluta. Qed isiru negozjati dwar akkwiżizzjoni potenzjali, bil-mira li tkompli l-produzzjoni fil-futur qarib.

(148) Il-fosforu abjad huwa materja prima importanti mad-dinja kollha użat f'għadd ta' applikazzjonijiet bħall-prodotti farmaċewtiċi u l-prodotti kimiċi agrikoli, il-manifattura tal-aċidu fosforiku u d-derivati tiegħu li jintużaw għall-ikel u d-deterġenti, u l-manifattura ta' ligi tal-fosforu li jistgħu jintużaw fil-metallurġija. Minħabba li l-fosforu abjad huwa prodott minn għadd limitat ta' produtturi f'pajjiżi terzi oħra u li huwa materja prima għal ħafna prodotti downstream li jsiru fl-Unjoni, tqies għalhekk li huwa fl-interess tal-Unjoni li jkun hemm kapaċità ta' produzzjoni fl-Unjoni.

(149) Huwa mistenni li l-impożizzjoni ta' dazji tal-anti-dumping tirrimedja l-prattika kummerċjali inġusta li nstabet u tippermetti lill-industrija tal-Unjoni li ttejjeb il-vijabbiltà tagħha. Barra minn hekk, l-impożizzjoni tal-miżuri tippermetti li l-industrija tal-Unjoni ttejjeb l-ekonomiji ta' skala billi tbigħ volumi akbar u tikseb mill-ġdid tal-anqas parti mis-sehem tas-suq mitluf tul il-perjodu meqjus, b'impatt pożittiv fuq il-prospetti tagħha. F'dan ir-rigward, ta' min ifakkar li l-industrija tal-Unjoni ilha tipproduċi u tbigħ il-fosforu abjad sa mis-snin sebgħin, minkejja li kellha kompetizzjoni minn importazzjonijiet minn pajjiżi terzi li kellhom ukoll vantaġġi naturali f'termini ta' aċċess għall-materja prima. Diversi partijiet interessati qalu li l-industrija tal-Unjoni ma tistax titqies bħala fornitur importanti, minħabba s-sitwazzjoni preżenti tagħha (falliment) u minħabba li, fi kwalunkwe każ, l-industrija tal-Unjoni taġixxi bħala kompetitur mal-konsumatur tagħha ta' fosforu abjad fis-suq tad-derivati. B'risposta għal dan l-argument, għandu jiġi nnutat li mhuwiex neċessarju li s-sitwazzjoni preżenti tal-industrija tal-Unjoni timplika waqfa permanenti fil-produzzjoni, billi n-negozjati dwar akkwiżizzjoni bil-mira li titkompla l-produzzjoni tal-fosforu abjad għadhom għaddejjin. Barra minn hekk, l-investigazzjoni stabbilixxiet li l-industrija tal-Unjoni tiddependi fuq il-bejgħ fis-suq ħieles sabiex ittejjeb l-ekonomiji ta' skala tagħha u tibqa' vijabbli. Abbażi ta' dawn ir-raġunijiet kollha, ġie konkluż li l-industrija tal-Unjoni tista' tkun fornitur importanti tal-fosforu abjad fis-suq ħieles tal-Unjoni.

(150) Barra minn hekk, l-industrija tal-Unjoni ppruvat tiżviluppa sorsi alternattivi ta' materja prima u għamlet xi investimenti f'teknoloġija ġdida, l-hekk imsejjaħ "approċċ riġenerattiv" biex tirriċikla l-fosforu abjad. Filwaqt li dan il-metodu għadu fl-istadji formattivi, jista' jkun element wieħed importanti fl-iżgurar tal-vijabbiltà tal-industrija tal-Unjoni fit-tul. Jekk jirnexxi, dan jippermetti lill-industrija tal-Unjoni tibbenefika minn sors ta' materja prima sekondarja ġdida fi ħdan is-suq tal-Unjoni u li titnaqqas l-possibbiltà ta' dipendenza żejda fuq l-importazzjonijiet tal-blat tal-fosfat.

(151) Wara l-iżvelar tad-dokument informattiv, diversi partijiet interessati staqsew dwar ir-rilevanza tal-iżvilupp ta' teknoloġija ġdida fl-analiżi tal-interess tal-Unjoni. Dawn il-partijiet qajmu l-kwistjoni tal-għajbien tal-industrija tal-Unjoni jekk ma jiġux imposti l-miżuri ta' anti-dumping u argumentaw li, għaldaqstant, x'aktarx ikomplu jsiru investimenti f'din it-teknoloġija. Huma qalu wkoll li l-inizjattiva ta' riġenerazzjoni mhix unika u li diversi kumpaniji oħra fl-Unjoni qed jinvestu f'teknoloġiji alternattivi ta' riċiklaġġ tal-fosfat, li huma allegatement aktar vijabbli. Fl-aħħar nett, kien allegat li t-teknoloġija ta' riġenerazzjoni taqdi prinċipalment is-suq ristrett tal-Unjoni u għalhekk l-utenti ma jibbenefikawx minnha.

(152) Għandu jiġi nnutat li l-iżviluppi wara l-PI (falliment) milli jidher ma jsostnux l-allegazzjonijiet ta' hawn fuq. Għandu jiġi nnutat ukoll li l-approċċ ta' riġenerazzjoni, anki jekk mhuwiex uniku, jibqa' element importanti biex titnaqqas id-dipendenza tal-Unjoni fuq l-importazzjonijiet tal-materja prima prinċipali u indirettament tal-fosforu abjad minn pajjiżi terzi, fejn jibbenefikaw l-utenti kollha, jekk dan jirnexxi. Fl-aħħar nett m'hemmx evidenza fil-fajl, li minnha seta' jiġi konkluż li l-approċċ ta' riġenerazzjoni ikun wieħed ekonomikament fattibbli.

(153) Min-naħa l-oħra, jekk il-miżuri ma jiġux imposti, il-prospetti ta' vijabbiltà tal-industrija tal-Unjoni fis-suq ħieles jippreżentaw sfida aktar diffiċli u dan probabbli jwassal biex il-produzzjoni titwaqqaf permanentament. Il-konsegwenza x'aktarx tkun li titwaqqaf il-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni fis-suq ħieles. Dan jimplika li l-Unjoni tkun kompletament dipendenti fuq l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi minn għadd limitat ta' produtturi tal-fosforu abjad, li huwa l-bażi għal bosta applikazzjonijiet downstream prodotti fl-Unjoni.

(154) L-effet tal-importazzjonijiet li huma soġġetti għal dumping fuq is-suq ħieles tal-industrija tal-Unjoni tqies ukoll. L-investigazzjoni wriet li l-impożizzjoni ta' miżuri proviżorji tirrimedja l-iżvantaġġ kompetittiv kkawżat mill-importazzjonijiet li huma soġġetti għal dumping fis-suq downstream.

(155) Min-naħa l-oħra, li kieku ma ġew imposti l-ebda miżuri u l-industrija tal-Unjoni kellha twaqqaf il-produzzjoni permanentament, l-industrija tal-Unjoni mistennija tiffaċċja diffikultajiet fir-rigward tax-xiri ta' ammont kbir ta' fosforu abjad meħtieġ għall-prodotti downstream tagħha. Diversi partijiet interessati qalu li l-analiżi tal-interess għall-industrija tal-Unjoni għandha tkun marbuta biss mal-bejgħ fis-suq ħieles. Bi tweġiba għal din id-dikjarazzjoni, għandu jiġi nnutat li kif ġie deskritt fil-premessa (53), l-industrija tal-Unjoni hija vertikalment integrata u parti sostanzjali mill-produzzjoni tagħha tintuża tabilħaqq għall-użu ristrett tagħha. Madankollu, il-proporzjon tal-bejgħ għall-użu ħieles u ristrett mhuwiex parametru stabbli u l-iżviluppi reċenti wrew li l-użu ristrett ma jistax jeżisti waħdu mingħajr il-bejgħ ħieles ta' fosforu abjad.

(156) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, ġie konkluż li l-impożizzjoni ta' miżuri tal-anti-dumping fuq l-importazzjonijiet tal-prodott investigat li joriġina mill-Kazakistan, tkun fl-interess tal-industrija tal-Unjoni.

3. L-INTERESS TAL-UTENTI

3.1. **Ġenerali**

(157) Wara n-notifika ta' tnedija, 'il fuq minn tletin parti identifikaw lilhom infushom u ddikjaraw l-interess tagħhom fil-proċediment. L-investigazzjoni żvelat li l-partijiet li identifikaw lilhom infushom kienu fil-biċċa l-kbira utenti; xi wħud minnhom jimportaw il-prodott ikkonċernat huma stess.

(158) Ħdax-il kumpanija kklassifikaw lilhom infushom bħala utenti u mlew il-kwestjonarji. Dawn il-kumpaniji kienu responsabbli għall-maġġoranza kbira tal-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat matul il-PI u għal persentaġġ sinifikanti tal-konsum totali fl-Unjoni. Dawn l-utenti rrappreżentaw kważi l-firxa kompleta tal-prodotti downstream. Għaldaqstant, dawn jikkostitwixxu grupp rappreżentattiv li fuqu l-impatt tal-miżuri imposti fuq l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat jista' jiġi eżaminat fir-rigward tannegozju tagħhom tal-prodotti finali li jinkorporaw il-prodott ikkonċernat.

(159) Il-kumpaniji li jifdal kienu utenti li direttament jużaw il-prodott ikkonċernat jew li jużaw il-prodotti downstream li fihom il-prodott ikkonċernat huwa komponent importanti. Billi l-utenti prinċipalment jipproduċu prodotti bażiċi jew intermedji bl-użu tal-prodott ikkonċernat li mbagħad ikompli jiġi trasformat fi prodotti lesti downstream minn utenti oħra, tqies xieraq li l-kumpaniji kollha li identifikaw ruħhom jingħataw l-opportunità li jippreżentaw l-ideat tagħhom u jissottomettu l-informazzjoni, anki jekk dawn ma kinux utenti diretti.

3.2. **L-impatt fuq l-utenti**

3.2.1. *Ġenerali*

(160) Essenzjalment, l-utenti tal-prodott ikkonċernat jistgħu jinqasmu f'żewġ taqsimiet: derivati tal-aċidi (notevolment il-produzzjoni tal-aċidu fosforiku) u derivati mhux tal-aċidi (bħall-fosforu pentasulfid, il-fosforu triklorid, il-fosforu aħmar, sustanzi li jtaffu t-tixrid tan-nar). Barra minn hekk tqiesu wkoll l-utenti tal-prodotti downstream.

3.2.2. *It-taqsima tad-derivati tal-aċidi*

(161) It-taqsima tad-derivatvi tal-aċidi tittratta prinċipalment il-produzzjoni tal-aċidu fosforiku termali u d-derivati tiegħu fl-additivi tal-ikel. Is-sehem tal-prodott ikkonċernat fil-prodotti lesti ta' din it-taqsima huwa għoli fir-rigward tal-fatturat totali. Barra minn hekk, l-ispiża tal-prodott ikkonċernat b'rabta mal-ispiża tal-prodotti lesti instab li hija sinifikanti. Dan minħabba l-fatt li l-proċess tal-produzzjoni ta' dawn l-utenti jeħtieġ kontribut addizzjonali limitat, minbarra l-materja prima prinċipali, jiġifieri l-fosforu abjad.

(162) Meta jitqies li ntqal hawn fuq, jista' jkun mistenni li l-impożizzjoni tal-miżuri jkollha impatt sostanzjali fuq l-utenti f'din it-taqsima. Għalkemm l-investigazzjoni wriet li l-utenti f'din it-taqsima kellhom profitti kbar tul l-IP, il-profittabbiltà tagħhom varjat konsiderevolment bejn l-2008 u l-PI, u laħqet livell ħafna aktar baxxi fis-snin qabel il-PI. Barra minn hekk, intqal li kwalunkwe dazju ma jistax jiġi mgħoddi lill-konsumaturi tagħhom. Fid-dawl ta' li ntqal hawn fuq, huwa mistenni li dazju tal-anti-dumping tabilħaqq ikollu effett sinifikanti fuq il-profittabbiltà tal-utenti fit-taqsima tad-derivati tal-aċidu, li tista' saħansitra tinbidel f'telf u fl-aħħar mill-aħħar tiġi mhedda l-eżistenza tagħhom.

(163) Wara l-iżvelar tad-dokument informattiv, utent qal li l-prodott manifatturat mill-industrija tal-Unjoni huwa aktar pur mill-prodott li ġeneralment jintuża fit-taqsima tad-derivati tal-aċidu. Il-prodott ikkonċernat importat mill-Kazakistan kien inqas pur u aktar adattat biex jintuża fit-taqsima tad-derivati tal-aċidu. Għaldaqstant, l-industrija tal-Unjoni ma kinitx ikkunsidrata bħala fornitur alternattiv f'din it-taqsima.

(164) Dan l-argument tressaq biss fi stadju tard ħafna tal-proċediment. Il-parti kkonċernata ma sostniex l-allegazzjonijiet ta' hawn fuq b'evidenza. Barra minn hekk, ma kkuntestawx li kif ġie konkluż fil-premessi ta' hawn fuq (13) sa (17), il-fosforu abjad prodott u mibjugħ fl-Unjoni mill-industrija tal-Unjoni u l-fosforu abjad prodott fil-pajjiż ikkonċernat u esportat lejn l-Unjoni, kellhom l-istess karatteristiċi u użi bażiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi. Għaldaqstant, dan l-argument ġie irrifjutat.

3.2.3. *It-taqsima ta' derivati mhux tal-aċidu*

(165) It-taqsima tad-derivati mhux tal-aċidi tittratta firxa usa' ta' prodotti li jvarjaw fl-applikazzjoni tagħhom bħalma huma sustanzi li jtaffu t-tixrid tan-nar, it-trattament tal-ilma, addittivi ta' lubrikazzjoni tal-karozzi, il-prodotti farmaċewtiċi u l-prodotti kimiċi agrikoli. Il-Kost tal-prodott ikkonċernat b'rabta mal-kost totali tal-prodott lest tvarja konsiderevolment bejn dawk l-utenti li jiddependu fuq il-prodott downstream manifatturat.

(166) Wara l-iżvelar tad-dokument informattiv, ċerti utenti provdew tqassim aktar iddettaljat tal-kostijiet tagħhom u, b'mod partikolari, tal-kost tal-prodott ikkonċernat fil-kostijiet globali tagħhom. Iċ-ċifri mogħtija fil-kwestjonarju kienu rrappurtati fuq bażi aggregata u wrew li l-fosforu abjad jirrappreżenta minn inqas minn 5 % sa madwar 30 % tal-kost tal-prodotti lesti. Madankollu, l-informazzjoni mogħtija wara l-iżvelar indikat li għal ċerti tipi ta' prodotti speċifiċi dawn il-kostijiet jistgħu jkunu konsiderevolment ogħla.

(167) L-utenti f'din it-taqsima kellhom varjetà akbar ta' fornituri u ma kinux jiksbu l-fosforu abjad esklussivament mill-Kazakistan.

(168) L-utenti f'din it-taqsima pproduċew wkoll firxa usa' ta' prodotti u l-importanza tal-prodotti lesti li jinkorporaw il-fosforu abjad fin-negozju totali, għaldaqstant, varjat bejn anqas minn 5 % u 'l fuq minn 75 %. Il-profittabbiltà tal-prodott lest li jinkorpora l-fosforu abjad varjat u laħqet sa aktar minn 10 %. Ġeneralment jiġi osservat li għall-kumpaniji fejn il-livelli tal-profitt kienu aktar baxxi l-importanza tal-prodotti li jinkorporaw il-fosforu abjad b'rabta mal-fatturat totali min-negozju globali kienet baxxa wkoll. Għaldaqstant, f'tali każijiet l-impatt tal-impożizzjoni tal-miżuri kien mistenni li jkun limitat, iżda mhux negliġibbli, jekk wieħed jassumi li l-utenti f'din it-taqsima ma jkunux jistgħu jgħaddu kwalunkwe żieda fil-prezz lill-klijenti tagħhom downstream u li l-Kazakistan se jkun l-uniku fornitur tagħhom.

3.2.4. *L-utenti downstream*

(169) L-impatt tad-dazju fuq l-utenti downstream se jkompli jittaffa billi dan għandu biss impatt marġinali fuq il-kost tal-produzzjoni. L-investigazzjoni wriet ukoll li l-utenti downstream li kkooperaw kellhom marġini ta' qligħ li jlaħħqu sa aktar minn 15 %. Barra minn hekk, peress li l-utenti diretti sostnew li mhux se jkunu jistgħu jgħaddu kwalunkwe żieda fil-prezzijiet lill-klijenti downstream tagħhom, mhuwiex ċert jekk wara kollox hux se jkun hemm impatt.

(170) Wara l-iżvelar tad-dokument informattiv, utent downstream qal li, b'kuntrast mal-konklużjonijiet fil-premessa (169) ta' hawn fuq, l-impożizzjoni tad-dazji tal-anti-dumping taffettwahom billi l-forniturі tagħhom jgħaddulhom iż-żieda fil-kost. Madankollu, din il-kumpanija ma pprovdietx dejta li setgħet tikkonferma din l-allegazzjoni u, għaldaqstant, dan l-argument ġie rrifjutat.

(171) Abbażi ta' dan, ġie konkluż li d-dazji tal-anti-dumping ikollhom biss impatt limitat ħafna, jekk fuq kollox ikun hemm impatt, fuq il-profittabbiltà tal-utenti downstream.

3.2.5. *Il-kompetizzjoni fis-suq tad-derivati*

(172) Għadd ta' utenti qalu li kieku jiġu imposti l-miżuri, huma jitilfu l-kompetittività fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' derivati mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina. Madankollu, ma ngħatat l-ebda evidenza f'dan ir-rigward.

(173) F'dan ir-rigward, huwa nnutat li d-dazju tal-anti-dumping jimmira li jerġa' joħloq kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fis-suq tal-fosforu abjad fl-Unjoni. Ma kienx hemm evidenza ta' sostenn li l-importazzjonijiet tad-derivati tal-fosforu abjad mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina kienu żdiedu konsiderevolment tul is-snin li għaddew jew li jiżdiedu fil-futur qarib. Barra minn hekk, ma kienx hemm evidenza fil-fajl li turi l-kundizzjonijiet li tali importazzjonijiet jsiru fihom jew b'liema livelli ta' prezzijiet. Abbażi ta' dan, dan l-argument ġie rrifjutat.

3.2.6. *L-impjiegi*

(174) Ċerti partijiet interessati qalu li l-għadd ta' ħaddiema impjegati fl-industrija tal-utenti bħala totali huwa ħafna akbar minn dak tal-industrija tal-Unjoni u li, għaldaqstant, l-impożizzjoni ta' miżuri tal-anti-dumping tmur kontra l-interess ġenerali tal-Unjoni.

(175) Huwa nnutat li l-analiżi tal-interess tal-Unjoni mhix limitata għal paragun sempliċi tal-għadd ta' ħaddiema tal-industrija tal-Unjoni, minn naħa waħda u l-industrija tal-utenti, min-naħa l-oħra. Għaldaqstant, il-fatt biss li l-utenti għandhom għadd ogħla ta' impjegati mhuwiex biżżejjed biex jiġi konkluż li l-miżuri jkunu kontra l-interess ġenerali tal-industrija tal-Unjoni. Aktar milli hekk, l-impatt tal-impożizzjoni jew in-nuqqas ta' impożizzjoni tal-miżuri fuq l-attivitajiet kummerċjali u l-profittabbiltà tal-utenti kkonċernati, minn naħa waħda, u l-industrija tal-Unjoni min-naħa l-oħra, huwa investigat. Għaldaqstant, dan l-argument ġie irrifjutat.

3.2.7. *Konklużjoni*

(176) L-analiżi ta' hawn fuq uriet li l-impożizzjoni tal-miżuri se taffettwa lill-utenti fiż-żewġ taqsimiet, madankollu b'impatt anqas fit-taqsima tad-derivati mhux tal-aċidu. Partikolarment, il-fosforu abjad jikkostitwixxi parti kbira tal-kost tal-produzzjoni tat-taqsima tad-derivati tal-aċidu u, għaldaqstant, kull dazju jkollu effett sinifikanti fuq il-kostijiet u l-profittabbiltà tagħhom. L-investigazzjoni wriet ukoll li l-eżistenza tal-utenti f'din it-taqsima tkun ipperikolata jekk jiġu imposti l-miżuri.

4. L-INIZJATTIVA TAL-UNJONI EWROPEA DWAR IL-MATERJA PRIMA

(177) Ċerti partijiet interessati sostnew li l-impożizzjoni ta' miżuri tkun f'kontradizzjoni ma' "l-inizjattiva tal-materja prima" ([1]) tal-Unjoni Ewropea stabbilita biex tippromwovi fost l-oħrajn il-provvista sostenibbli tal-materja prima kif ukoll l-effiċjenza tar-riżorsi. Madankollu, l-inizjattiva tal-materja prima mhix xkiel għall-impożizzjoni tal-miżuri tal-anti-dumping, li għandha l-għan li terġa' tintroduċi kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u b'hekk tindirizza l-kompetizzjoni inġusta kkawżata mill-prattiki tad-dumping.

(178) Fi kwalunkwe każ, jidher li f'suq li huwa karatterizzat minn ftit produtturi madwar id-dinja, iż-żamma tal-eżistenza tal-produzzjoni tal-Unjoni ta' materja prima importanti tkun kompletament konformi mal-għan li tiġi żgurata provvista sostenibbli ta' materja prima lejn is-suq tal-Unjoni.

5. IL-KWISTJONIJIET DWAR IL-KOMPETIZZJONI

(179) Ċerti partijiet interessati sostnew li l-impożizzjoni tal-miżuri twassal għal abbuż ta' pożizzjoni dominanti mill-industrija tal-Unjoni billi s-suq tal-Unjoni jingħalaq għall-provvista minn sorsi oħra. Dan l-argument kien appoġġjat mill-allegazzjoni li fil-passat, l-industrija tal-Unjoni użat l-introduzzjoni tar-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjonijiet miċ-Ċina biex tgħolli l-prezzijiet tagħha fis-suq tal-Unjoni. Madankollu ma ngħatat l-ebda evidenza ta' abbuż tal-pożizzjoni dominanti.

([1]) COM(2008) 699 finali.

(180) Mill-premessa ta' hawn fuq, ta' min ifakkar li s-sehem tas-suq tal-industrija tal-Unjoni naqas konsiderevolment matul il-perjodu kkunsidrat. Għall-kuntrarju, is-sehem tas-suq tal-produttur esportatur fis-suq ħieles żdied sostanzjalment u bħalissa huwa definittivament l-akbar fornitur fis-suq tal-Unjoni.

(181) Barra minn hekk, il-livelli tat-twaqqigħ tal-prezzijiet ikkalkulati f'din l-investigazzjoni (71) kienu ogħla mil-livell ta' dumping misjub, (il-premessa (48) ta' hawn fuq) u dan wera li anki bl-impożizzjoni tal-miżuri tal-anti-dumping, bl-applikazzjoni tar-regola tal-inqas dazju, il-livelli tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-Kazakistan x'aktarx li jibqgħu anqas mill-prezzijiet ta' bejgħ tal-industrija tal-Unjoni. Huwa għalhekk improbabbli li l-importazzjonijiet ikollhom jitwaqqfu bħala konsegwenza tal-miżuri.

(182) Ta' min ifakkar ukoll li l-fosforu abjad mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u l-Vjetnam ġie impurtat fis-suq tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat kollu, minkejja r-restrizzjonijiet tal-esportazzjoni fis-seħħ fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, u x'aktarx se jkompli.

(183) Wara l-iżvelar tad-dokument informattiv, diversi partijiet interessati qalu li l-impożizzjoni tad-dazju żżid il-kost tal-utenti, filwaqt li l-industrija tal-Unjoni fis-suq tad-derivati (użu ristrett) ma tkunx affettwata bl-istess mod mid-dazju. Dan joħloq vantaġġ kompetittiv għall-industrija tal-Unjoni fis-suq tad-derivati u x'aktarx, iwassal għal pożizzjoni dominanti tal-industrija tal-Unjoni fis-suq downstream. Madankollu, kif diġà ġie deskritt hawn fuq fil-premessa (181), il-livelli tat-twaqqigħ tal-prezzijiet ikkalkulati f'din l-investigazzjoni kienu ogħla mil-livell ta' dumping misjub, u dan indika li anki bl-impożizzjoni tal-miżuri tal-anti-dumping, bl-applikazzjoni tar-regola tal-inqas dazju, il-livelli tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-Kazakistan x'aktarx li jibqgħu aktar baxxi mill-prezzijiet ta' bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq ħieles u ristrett. Konsegwentement, l-argument li l-impożizzjoni tal-miżuri twassal għal abbuż tal-pożizzjoni dominanti mill-industrija tal-Unjoni fis-suq tad-derivati, għandu jiġi rrifjutat.

(184) Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, jista' għalhekk jiġi konkluż li l-impożizzjoni ta' miżuri tal-anti-dumping ma jkollhiex effett ta' distorsjoni fuq is-suq tal-Unjoni.

6. IL-BILANĊ KUMMERĊJALI BEJN IL-KAZAKISTAN U L-UNJONI

(185) Il-produttur esportatur li kkoopera sostna li huwa importatur ewlieni ta' tagħmir u makkinarju għall-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat mill-Unjoni. F'dan ir-rigward, tressaq l-argument li jekk jiġu imposti l-miżuri tal-anti-dumping, dawn jaffettwaw il-bilanċ kummerċjali bejn l-Unjoni u l-Kazakistan peress li l-produttur esportatur li kkoopera jieqaf jimporta dan it-tagħmir mill-Unjoni.

(186) L-għan tal-impożizzjoni tal-miżuri ta' difiża tal-kummerċ huwa li jirrimedja l-prattiki kummerċjali inġusti u ma għandu l-ebda rabta max-xiri ta' makkinarju u tagħmir għall-manifattura tal-prodott ikkonċernat. Dan l-argument għalhekk għandu jitqies irrilevanti fil-kuntest ta' din l-investigazzjoni dwar l-anti-dumping.

7. L-ISKEMA ĠENERALIZZATA TA' PREFERENZI

(187) Wara l-iżvelar tad-dokument informattiv, diversi partijiet interessati qalu li l-impatt fuq l-utenti se jkompli jiżdied billi l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat, barra minn dazju possibbli tal-anti-dumping, se jkunu suġġetti wkoll għad-dazju doganali normali mill-1 ta' Jannar 2014.

(188) Huwa nnutat li tabilħaqq skont l-Iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi (GSP) il-ġdida tal-Unjoni Ewropea, li mistennija tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2014, il-Kazakistan mhux se jibqa' mniżżel bħala pajjiż benefiċjarju. Għaldaqstant, mill-1 ta' Jannar 2014 u sakemm tibqa' teżisti din is-sitwazzjoni, l-importazzjonijiet tal-Kazakistan tal-fosforu abjad se jkunu suġġetti għal rata ta' dazju normali ta' 5,5 %.

(189) Madankollu, l-iżviluppi futuri ma jistgħux jitqiesu fl-analiżi, billi l-impatt preċiż tagħhom fuq il-prezzijiet u l-kwantitajiet tal-importazzjoni u l-effett ta' tali żviluppi fuq is-suq tal-Unjoni ma jistax jiġi evalwat *à priori*. Għaldaqstant, ma jistgħux isiru konklużjonijiet definittivi abbażi ta' dan. Għaldaqstant, dan l-argument ġie rrifjutat.

8. IL-KONKLUŻJONI DWAR L-INTERESS TAL-UNJONI

(190) Jekk il-miżuri ma jiġux imposti, hemm probabbiltà kbira li l-produzzjoni tal-fosforu abjad fl-Unjoni u l-produzzjoni tad-derivati mill-industrija tal-Unjoni ma jerġgħux jinbdew. Min-naħa l-oħra, kif intqal ukoll minn ċerti partijiet interessati, l-impożizzjoni tal-miżuri jista' jkun li ma tipprovdix biżżejjed għajnuna lill-industrija tal-Unjoni, billi l-importazzjonijiet mill-Kazakistan, anki meta jiġu soġġetti għad-dazji, jibqgħu aktar kompetittivi fir-rigward ta' prezzijiet mill-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni u għalhekk ma tiggarantixxix li l-Unjoni tkun tista' tirrimedja s-sitwazzjoni fraġli tagħha.

(191) B'kuntrast ma' dan, instab li l-utenti fit-taqsima tad-derivati tal-aċidu jkunu milqutin severament mill-miżuri, u f'ċerti każijiet anki l-vijabbiltà tagħhom tista' tkun ipperikolata, billi ma jkunux jistgħu jassorbu ż-żieda fil-kostijiet u jkomplu jkunu kompetettivi fis-suq downstream. Dan jista' jwassal biex il-produtturi downstream f'din it-taqsima jitwaqqfu.

(192) Barra minn hekk, filwaqt li l-investigazzjoni żvelat li l-impatt tal-miżuri fit-taqsima tad-derivati mhux tal-aċidu kien mistenni li, b'mod ġenerali, ma jkunx daqshekk kbir meta mqabbel mat-taqsima tad-derivati tal-aċidu, ċerti utenti speċifiċi f'din it-taqsima jistgħu jkunu affettwati b'mod aktar sinifikanti skont il-prodott downstream speċifiku mmanifatturat minnhom. B'mod ġenerali, l-impatt tad-dazju f'din it-taqsima ma jistax jitqies bħala wieħed negliġibbli.

(193) Għandu jiġi nnutat li l-utenti li kkooperaw provdew l-informazzjoni neċessarja f'dan il-proċediment, irrappreżentaw kważi l-importazzjonijiet kollha mill-pajjiż ikkonċernat u proporzjon għoli ħafna ta' konsum ta' fosforu abjad fis-suq ħieles. Huma kienu totalment kontra l-impożizzjoni ta' dazju tal-anti-dumping, minħabba l-impatt fuq il-kostijiet tagħhom li huma wrew li jista' jew ma jistax jiġi rifless kompletament fil-prezzijiet tal-bejgħ tagħhom u li għalhekk iwassal għal tendenza negattiva tas-sistwazzjoni ekonomika u finanzjarja tagħhom, bi twaqqif possibbli tal-produzzjoni tagħhom.

(194) Dan iseħħ prinċipalment minħabba li l-fosforu abjad huwa riżors li, għal kważi l-utenti kollha li identifikaw ruħhom, huwa meqjus bħala materja prima tassew importanti fil-proċess tal-produzzjoni tagħhom, u jirrappreżenta parti kunsiderevoli mill-kost tal-produzzjoni totali tagħhom, kif intqal hawn fuq fil-premessi (161) u (166). Kull dazju tal-anti-dumping għalhekk ikollu impatt dirett u importanti fuq il-kostijiet tagħhom, filwaqt li ż-żidiet fil-kostijiet ma jistgħux jingħaddew mal-industriji downstream.

(195) Kif issemma fil-premessa (190) hawn fuq, il-benefiċċju għall-industrija tal-Unjoni minn impożizzjoni ta' dazju tal-anti-dumping, jibqa' wieħed dubjuż. Dan minħabba s-sitwazzjoni tranżitorja li qiegħda fiha bħalissal-industrija tal-Unjoni u minħabba l-inċertezza tal-iżvilupp futur tagħha, kif ukoll il-fatt li l-prezzijiet tal-importazzjoni mill-Kazakistan jistgħu probabbilment jibqgħu aktar baxxi mill-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni, anki jekk jiġu imposti l-miżuri tal-anti-dumping. F'dawn iċ-ċirkostanzi, kien ikkunsidrat li l-effett negattiv probabbli ta' kwalunkwe dazju tal-anti-dumping fuq l-industriji downstream, ikun ħafna akbar mill-effetti pożittivi mistennija tad-dazju fuq l-industrija tal-Unjoni.

(196) Abbażi ta' li ntqal hawn fuq, ġie konkluż li l-impatt negattiv tal-miżuri fuq l-utenti huwa aktar sinifikanti mill-benefiċċju totali għall-industrija tal-Unjoni. Għaldaqstant, f'dan il-każ, huwa kkunsidrat li minkejja l-konklużjoni dwar id-dumping ta' dannu, jista' jiġi konkluż b'mod ċar li mhuwiex fl-interess tal-Unjoni li tadotta l-miżuri tal-anti-dumping.

G. **PROPOSTA GĦAL TMIEM IL-PROĊEDIMENT**

(197) Fid-dawl tal-konklużjonijiet milħuqin hawn fuq fir-rigward tad-dumping, id-dannu, il-kawżalità u l-interess tal-Unjoni, skont l-Artikolu 9 u l-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, il-proċediment għandu jintemm mingħajr l-impożizzjoni tal-miżuri.

(198) Il-partijiet kollha kkonċernati ġew infurmati bis-sejbiet finali u l-intenzjoni li l-proċediment jintemm u ngħataw l-opportunità biex jikkummentaw. Il-kummenti tagħhom tqiesu iżda ma biddlux il-konklużjonijiet milħuqa hawn fuq,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-proċediment tal-anti-dumping fir-rigward tal-importazzjonijiet tal-fosfru abjad, imsejjaħ wkoll fosfru elementali jew fosfru isfar, li joriġina mir-Repubblika tal-Kazakistan, hawnhekk qiegħed jintemm.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi it-Brussell, it-13 ta' Frar 2013.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO